Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu
Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2023/0448(COD)

16.4.2025

EMENDI
651 - 1096

Abbozz ta' rapport
Tilly Metz, Daniel Buda
(PE770.070v01-00)

Il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati

Proposta għal regolament
(COM(2023)0770 – C9-0446/2023 – 2023/0448(COD))

Emenda 651
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14. "vettura" tfisser mezz tat-trasport mgħammar b'roti li jitmexxa bi propulsjoni jew jiġi rmunkat***;***	14. "vettura" tfisser mezz tat-trasport mgħammar b'roti li jitmexxa bi propulsjoni jew jiġi rmunkat***. It-trasport ta' annimali akkwatiċi minn bastimenti involuti fil-produzzjoni primarja, bastimenti użati fl-akkwakultura u s-sajd estrattiv, dgħajjes għat-trobbija jew dgħajjes b'tankijiet huwa esklużminn din id-definizzjoni***;

Or. en

Emenda 652
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. "Uffiċjal tal-benesseri tal-annimali" tfisser ***persuna*** direttament responsabbli għall-benesseri tal-annimali ttrasportati minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem għad-durata tal-vjaġġ fuq il-baħar;	15. "Uffiċjal tal-benesseri tal-annimali" tfisser ***veterinarju indipendenti, mhux impjegat direttament minn trasportatur jew organizzatur,*** direttament responsabbli għall-benesseri tal-annimali ttrasportati minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem***, bastiment tal-kontejners jew bastiment ro-ro*** għad-durata tal-vjaġġ fuq il-baħar;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tevita kunflitt ta' interessi u tiżgura livell adegwat ta' taħriġ għat-tipi kollha ta' bastimenti.

Emenda 653

Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. "Uffiċjal tal-benesseri tal-annimali" tfisser persuna direttament responsabbli għall-benesseri tal-annimali ttrasportati minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem għad-durata tal-vjaġġ fuq il-baħar;	15. "Uffiċjal tal-benesseri tal-annimali" tfisser persuna ***liċenzjata bħala veterinarju u indipendenti mit-trasportatur*** direttament responsabbli għall-benesseri tal-annimali ttrasportati minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem għad-durata tal-vjaġġ fuq il-baħar;

Or. en

Emenda 654
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. "Uffiċjal tal-benesseri tal-annimali" tfisser persuna direttament responsabbli għall-benesseri tal-annimali ttrasportati minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem għad-durata tal-vjaġġ fuq il-baħar;	15. "Uffiċjal tal-benesseri tal-annimali" tfisser persuna direttament responsabbli għall-benesseri tal-annimali ttrasportati minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem għad-durata tal-vjaġġ fuq il-baħar ***u li ngħatat taħriġ xieraq u għandha ċertifikat ta' kompetenza***;

Or. en

Emenda 655
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. "Uffiċjal tal-benesseri tal-annimali" tfisser persuna direttament responsabbli	15. "Uffiċjal tal-benesseri tal-annimali" tfisser persuna ***mħarrġa li għandha***

għall-benesseri tal-annimali ttrasportati minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem għad-durata tal-vjaġġ fuq il-baħar;

ċertifikat ta' kompetenza u hija direttament responsabbli għall-benesseri tal-annimali ttrasportati minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem għad-durata tal-vjaġġ fuq il-baħar;

Or. en

Emenda 656
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. "bastiment għall-ġarr tal-bhejjem" tfisser bastiment tal-baħar li nbena jew ġie adattat sabiex jintuża għat-trasport ta' annimali terrestri, għajr għasafar domestiċi jew fniek;	16. "bastiment għall-ġarr tal-bhejjem" tfisser bastiment tal-baħar li nbena jew ġie adattat ***f'dawn l-aħħar 5 snin*** sabiex jintuża għat-trasport ta' annimali terrestri, għajr għasafar domestiċi jew fniek***, u jissodisfa r-rekwiżiti li jiġi kklassifikat fil-lista bajda tal-Memorandum ta' Qbil (MtQ) ta' Pariġi, li jkollu sorveljanza bil-kamera abbord u li jkun mgħammar b'sistemi ta' kejl tat-temperatura, tal-umdità u tal-ammonijaka fuq il-gverti kollha fejn jinsabu l-annimali***;

Or. en

Emenda 657
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. "bastiment għall-ġarr tal-bhejjem" tfisser bastiment tal-baħar li nbena jew ġie adattat sabiex jintuża għat-trasport ta' annimali terrestri, għajr għasafar domestiċi jew fniek;	16. "bastiment għall-ġarr tal-bhejjem" tfisser bastiment tal-baħar li nbena jew ġie adattat sabiex jintuża għat-trasport ta' annimali terrestri, għajr għasafar domestiċi jew fniek; ***dan il-bastiment tal-baħar la***

huwa bastiment ro-ro, kwalunkwe bastiment ieħor li jġorr annimali f'kontejners mobbli, u lanqas bastiment speċjalizzat għat-trasport ta' ħut imrobbi

Or. en

Emenda 658
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. "bastiment għall-ġarr tal-bhejjem" tfisser bastiment tal-baħar li nbena jew ġie adattat sabiex jintuża għat-trasport ta' annimali terrestri, għajr għasafar domestiċi jew fniek;	16. "bastiment għall-ġarr tal-bhejjem" tfisser bastiment tal-baħar li nbena jew ġie adattat sabiex jintuża għat-trasport ta' annimali terrestri, għajr għasafar domestiċi jew fniek***, u li ma tinkludix bastimenti għall-ħut imrobbi***;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li jiġi speċifikat li dan ma jinkludix il-bastimenti tat-trobbija tal-ħut, li huma kompletament differenti minn "bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem" u li mbagħad jissemmew fl-anness speċifiku iżda mingħajr ma jiġu ddefiniti b'mod ċar.

Emenda 659
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16. "bastiment għall-ġarr tal-bhejjem" tfisser bastiment tal-baħar li nbena jew ġie adattat sabiex jintuża għat-trasport ta' annimali terrestri, għajr għasafar domestiċi ***jew*** fniek;	16. "bastiment għall-ġarr tal-bhejjem" tfisser bastiment tal-baħar li nbena jew ġie adattat sabiex jintuża għat-trasport ta' annimali terrestri, għajr għasafar domestiċi***,*** fniek ***jew speċijiet ta' għasafar tal-kaċċa***;

Or. en

Emenda 660
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
17. "kontenitur" tfisser kwalunkwe ċestun, kaxxa, reċipjent jew struttura ***riġida*** oħra użata għat-trasport tal-annimali jew tal-bajd, li ma hijiex mezz tat-trasport;	17. "kontenitur" tfisser kwalunkwe ***gaġġa,*** ċestun, kaxxa, reċipjent jew struttura ***mobbli*** riġida oħra użata għat-trasport tal-annimali jew tal-bajd, li ma hijiex mezz tat-trasport;

Or. en

Emenda 661
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
17. "kontenitur" tfisser kwalunkwe ċestun, kaxxa, reċipjent jew struttura riġida oħra użata għat-trasport tal-annimali jew tal-bajd, li ma hijiex mezz tat-trasport;	17. "kontenitur" tfisser kwalunkwe ċestun, kaxxa, ***gaġġa,*** reċipjent jew struttura riġida oħra użata għat-trasport tal-annimali jew tal-bajd, li ma hijiex mezz tat-trasport;

Or. fr

Emenda 662
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
18. “bastiment ***tal-kontejners***” tfisser bastiment li jġorr annimali terrestri, minbarra għasafar domestiċi ***jew*** fniek f’kontejners mobbli;	18. “bastiment ***maħsub għat-trasport tal-bhejjem***” tfisser bastiment li jġorr annimali terrestri, minbarra għasafar domestiċi***,*** fniek ***jew speċijiet ta’ għasafar tal-kaċċa*** f’kontejners mobbli;

Or. en

Emenda 663
Tilly Metz, Thomas Waitz
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
18. “bastiment tal-kontejners” tfisser bastiment li jġorr annimali terrestri, minbarra għasafar domestiċi jew fniek f’kontejners mobbli;	18. “bastiment tal-kontejners” tfisser bastiment li jġorr annimali ***akkwatiċi jew*** terrestri, minbarra għasafar domestiċi jew fniek f’kontejners mobbli;

Or. en

Emenda 664
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. “annimali terrestri” tfisser ekwidi miżmumin***,*** u ***annimali tal-ispeċijiet*** bovini, porċini, ovini, kaprini***,*** ċervidi, fniek u għasafar domestiċi, inkluż pollam;	19. “annimali terrestri” tfisser ekwidi miżmumin u ***speċijiet*** bovini, porċini, ovini, kaprini ***u*** ċervidi, ***kif ukoll*** fniek, ***klieb, qtates, inmsa domestiċi,*** u għasafar domestiċi, inkluż pollam;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-klieb, il-qtates u l-inmsa domestiċi għandhom jiġu inklużi fid-definizzjoni ta’ annimali

terrestri fir-regolamenti dwar it-trasport tal-annimali biex jiġu żgurati kontrolli konsistenti tas-saħħa, tal-benesseri u tal-moviment. Il-klassifikazzjoni tagħhom tikkonforma mal-ispeċijiet ta' bhejjem soġġetti għar-regoli dwar it-trasport, peress li ta' spiss jiġu mċaqalqa bejn il-fruntieri għall-kummerċ, għall-adozzjoni u għall-ivvjaġġar personali.

Emenda 665
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. "annimali terrestri" tfisser ekwidi miżmumin, u annimali tal-ispeċijiet bovini, porċini, ovini, kaprini, ċervidi, fniek u għasafar ***domestiċi***, inkluż pollam;	19. "annimali terrestri" tfisser ekwidi miżmumin, u annimali tal-ispeċijiet bovini, porċini, ovini, kaprini, ċervidi, fniek u għasafar, inkluż pollam;

Or. en

Emenda 666
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. "annimali terrestri" tfisser ekwidi miżmumin, u annimali tal-ispeċijiet bovini, porċini, ovini, kaprini, ċervidi, fniek u għasafar domestiċi, inkluż pollam;	19. "annimali terrestri" tfisser ekwidi miżmumin, u annimali tal-ispeċijiet bovini, porċini, ovini, kaprini, ċervidi, fniek u għasafar domestiċi, inkluż pollam ***u l-għasafar ta' speċijiet tal-kaċċa***;

Or. es

Emenda 667
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. “annimali terrestri” tfisser ekwidi miżmumin, u annimali tal-ispeċijiet bovini, porċini, ovini, kaprini, ċervidi, fniek ***u*** għasafar domestiċi, inkluż pollam;	19. “annimali terrestri” tfisser ekwidi miżmumin, u annimali tal-ispeċijiet bovini, porċini, ovini, kaprini, ċervidi, fniek***,*** għasafar domestiċi ***jew speċijiet ta’ għasafar tal-kaċċa***, inkluż pollam;

Or. en

Emenda 668
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
19. “annimali terrestri” tfisser ekwidi miżmumin, u annimali tal-ispeċijiet bovini, porċini, ovini, kaprini, ċervidi, fniek u għasafar domestiċi, inkluż pollam;	19. “annimali terrestri” tfisser ekwidi u ***kamelidi*** miżmumin, u annimali tal-ispeċijiet bovini, porċini, ovini, kaprini, ċervidi, fniek u għasafar domestiċi, inkluż pollam;

Or. fr

Emenda 669
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
21. “kontenitur għal annimali kbar” tfisser kontenitur użat għat-trasport ta’ annimali terrestri għajr għasafar ***u*** fniek ***domestiċi*** fuq mezzi tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija jew b’bastimenti tal-kontejners;	21. “kontenitur għal annimali kbar” tfisser kontenitur użat għat-trasport ta’ annimali terrestri għajr għasafar ***domestiċi***, fniek ***u speċijiet ta’ għasafar tal-kaċċa*** fuq mezzi tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija jew b’bastimenti tal-kontejners;

Or. en

Emenda 670
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
22. "veterinarju uffiċjali" tfisser veterinarju ***uffiċjali kif definit*** fl-Artikolu ***3(32)*** tar-Regolament (UE) 2017/625;	22. "veterinarju uffiċjali" tfisser veterinarju ***maħtur minn awtorità kompetenti bħala persunal jew mod ieħor u li jkollu l-kwalifiki x-xierqa biex iwettaq kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra f'konformità ma' dan ir-Regolament u r-regoli rilevanti msemmija*** fl-Artikolu ***1(2)*** tar-Regolament (UE) 2017/625;

Or. en

Emenda 671
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
22. "veterinarju uffiċjali" tfisser veterinarju uffiċjali kif definit fl-Artikolu 3(32) tar-Regolament (UE) 2017/625;	22. "veterinarju uffiċjali" tfisser veterinarju uffiċjali kif definit fl-Artikolu 3(32) tar-Regolament (UE) 2017/625 ***mogħti s-setgħa mill-awtorità kompetenti biex jissorvelja l-operazzjonijiet tat-trasport tal-annimali relatati, kif ukoll it-tagħbija u l-ħatt***;

Or. en

Emenda 672
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
22. "veterinarju uffiċjali" tfisser veterinarju uffiċjali kif definit fl-Artikolu 3(32) tar-Regolament (UE) 2017/625;	22. "veterinarju uffiċjali" tfisser veterinarju uffiċjali kif definit fl-Artikolu 3(32) tar-Regolament (UE) 2017/625***, li jopera b'mod indipendenti mit-trasportatur***;

Or. en

Emenda 673
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Salvatore De Meo, Paulo Do Nascimento Cabral, Maria Walsh, Flavio Tosi, Herbert Dorfmann, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
23. "ċentru ta' assemblaġġ" tfisser ***stabbiliment għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 fejn*** annimali ***tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini, ekwini*** jew ***porċini*** li joriġinaw minn aktar minn azjenda waħda jingabru flimkien ***temporanjament*** sabiex jiffurmaw ***kunsinna***;	23. "ċentru ta' assemblaġġ" tfisser ***post bħalma huma azjendi, ċentri tal-ġbir u swieq, li fihom Ekwidi domestiċi jew*** annimali ***domestiċi ta' speċi bovina, ovina, kaprina*** jew ***porċina*** li joriġinaw minn aktar minn azjenda waħda jingabru flimkien sabiex jiffurmaw ***kunsinni***;

Or. en

Emenda 674
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
23. "ċentru ta' assemblaġġ" tfisser stabbiliment ***għall-operazzjonijiet ta'***	23. "ċentru ta' assemblaġġ" tfisser stabbiliment ***bħal suq jew ċentru ta'***

assemblaġġ irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 fejn annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini, ekwini jew porċini li joriġinaw minn aktar minn azjenda waħda jingabru flimkien temporanjament sabiex jiffurmaw kunsinna;

raggruppament fejn annimali ***ekwini u kamelidi miżmumin jew annimali domestiċi*** tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini, ekwini jew porċini li joriġinaw minn aktar minn azjenda waħda jingabru flimkien temporanjament sabiex jiffurmaw kunsinna;

Or. fr

Emenda 675
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
23. "ċentru ta' assemblaġġ" tfisser stabbiliment għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 fejn annimali ***tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini, ekwini jew porċini*** li joriġinaw minn aktar minn ***azjenda waħda*** jingabru flimkien temporanjament sabiex jiffurmaw kunsinna;	23. "ċentru ta' assemblaġġ" tfisser stabbiliment għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ irreġistrati f'konformità mal-Artikolu ***93 jew approvati f'konformità mal-Artikolu*** 97(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 fejn***: (a)*** annimali ***terrestri*** li joriġinaw minn aktar minn ***stabbiliment wieħed*** jingabru flimkien temporanjament sabiex jiffurmaw kunsinna; ***jew (b) kunsinni ta' annimali terrestri jinħattu u jitqassmu lil aktar minn stabbiliment wieħed.***

Or. en

Emenda 676
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
23. "ċentru ta' assemblaġġ" tfisser stabbiliment għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ irreġistrati f'konformità ***mal-Artikolu*** 97(1) tar-Regolament (UE)	23. "ċentru ta' assemblaġġ" tfisser stabbiliment għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ***, inklużi swieq u ċentri ta' rkant,*** irreġistrati f'konformità ***mal-***

2016/429 fejn annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini, ekwini jew porċini li joriġinaw minn aktar minn ***azjenda waħda*** jingabru flimkien temporanjament sabiex jiffurmaw kunsinna;	***Artikoli 93 u*** 97(1) tar-Regolament (UE) 2016/429***, rispettivament,*** fejn annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini, ekwini jew porċini li joriġinaw minn aktar minn ***stabbiliment wieħed*** jingabru flimkien temporanjament sabiex jiffurmaw kunsinna;

Or. en

Emenda 677
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
23. "ċentru ta' assemblaġġ" tfisser stabbiliment għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 fejn annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini, ekwini jew porċini li joriġinaw minn aktar minn azjenda waħda jingabru flimkien temporanjament sabiex jiffurmaw kunsinna;	23. "ċentru ta' assemblaġġ" tfisser stabbiliment għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2016/429***, azjendi, ċentri tal-ġbir u swieq*** fejn annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini, ekwini jew porċini li joriġinaw minn aktar minn azjenda waħda jingabru flimkien temporanjament sabiex jiffurmaw kunsinna;

Or. en

Emenda 678
Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
23. "ċentru ta' assemblaġġ" tfisser stabbiliment għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE)	23. "ċentru ta' assemblaġġ" tfisser stabbiliment għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE)

2016/429 fejn annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini, ekwini jew porċini li joriġinaw minn ***aktar minn*** azjenda waħda jingabru flimkien temporanjament sabiex jiffurmaw kunsinna;	2016/429 fejn annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini, ekwini jew porċini li joriġinaw minn azjenda ***differenti*** waħda ***jew aktar*** jingabru flimkien temporanjament sabiex jiffurmaw kunsinna;

Or. en

Emenda 679
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
23. "ċentru ta' assemblaġġ" tfisser stabbiliment għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 fejn annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini, ekwini jew porċini li joriġinaw minn ***aktar minn*** azjenda waħda jingabru flimkien temporanjament sabiex jiffurmaw ***kunsinna***;	23. "ċentru ta' assemblaġġ" tfisser stabbiliment għall-operazzjonijiet ta' assemblaġġ irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 97(1) tar-Regolament (UE) 2016/429 fejn annimali tal-ispeċijiet bovini, ovini, kaprini, ekwini jew porċini li joriġinaw minn azjenda ***differenti*** waħda ***jew aktar*** jingabru flimkien temporanjament sabiex jiffurmaw ***kunsinni***;

Or. en

Emenda 680
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, inkluż il-ħin għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport ***bit-triq, bil-ferrovija, bil-baħar u bl-ajru,*** inkluż il-ħin għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali***, mill-***

	ewwel annimal fuq l-ewwel mezz tat-trasport fil-post tat-tluq u li jintemm bil-ħatt tal-aħħar annimal fil-post tad-destinazzjoni, inklużi l-perjodi ta' mistrieħ u t-trasferiment minn mezz tat-trasport għall-ieħor, irrispettivament jekk hux ġewwa jew barra l-Unjoni;

Or. en

Emenda 681
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport***, inkluż il-ħin għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali***;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport ***li jibda mill-mument li l-aħħar annimal ta' kunsinna jitgħabba fuq il-mezz tat-trasport sal-wasla fid-destinazzjoni finali, inkluż kull waqfa u dewmien matul il-vjaġġ***;

Or. en

Emenda 682
Pekka Toveri

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***inkluż il-ħin*** għat-tagħbija ***u għall-ħatt*** tal-annimali;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***minbarra l-ħin meħud*** għat-tagħbija ***fil-post tat-tluq jew il-ħatt*** tal-annimali ***fid-destinazzjoni finali***;

Or. en

Emenda 683
Merja Kyllönen

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25
2023/0448(COD)
Artikolu 3 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***inkluż il-ħin għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali***;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***minbarra l-ħin li l-vettura tkun wieqfa matul il-vjaġġ***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tal-proċessi tat-tagħbija u tal-ħatt fid-definizzjonijiet tal-"vjaġġ" u tal-"ħin tal-vjaġġ" tpoġġi pressjoni żejda fuq il-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali u t-trasportaturi. Peress li t-tagħbija u l-ħatt jitqiesu bħala proċessi riskjużi u stressanti kemm għall-annimali kif ukoll għall-persunal, ma għandu jkollhom l-ebda limitazzjoni tal-ħin. Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 ma jikkalkulax il-ħinijiet tat-tagħbija u tal-ħatt bħala ħin tas-sewqan meta jottimizza t-trasport.

Emenda 684
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport***, inkluż il-ħin għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali***;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport;

Or. fr

Emenda 685
Stefan Köhler, Jens Gieseke, Lena Düpont, Marion Walsmann, Christine Schneider, Norbert Lins, Alexandra Mehnert

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport***, inkluż il-ħin għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali***;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport;

Or. de

Emenda 686
Emma Wiesner, Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport***, inkluż il-ħin għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali***;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport;

Or. en

Emenda 687
Bert-Jan Ruissen, Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport***, inkluż il-ħin għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali***;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi evitat l-istress, ma għandha ssir l-ebda pressjoni ta' ħin meta waqt it-tagħbija u l-ħatt.

Emenda 688
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Salvatore De Meo, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Maria Walsh, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Herbert Dorfmann, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport***, inkluż il-ħin għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali***;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport;

Or. en

Emenda 689
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport***, inkluż il-ħin għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;***	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport**.**

Or. en

Emenda 690
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport***, inkluż il-ħin għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali***;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport;

Or. en

Emenda 691
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ": tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport***, inkluż il-ħin għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;***	25. "ħin tal-vjaġġ": il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport***;***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Peress li t-tagħbija u l-ħatt huma l-aktar mumenti diffiċli għall-immaniġġjar tal-annimali matul it-trasport, ma huwiex għaqli li minħabba dan l-Artikolu dawn il-kompiti jsiru bl-għaġla u taħt pressjoni, għad-detriment tar-raħħal, tas-sewwieq u tal-annimali trasportati.

Emenda 692
Stefano Bonaccini, Dario Nardella, Matteo Ricci

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport***, inkluż il-ħin għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali***;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport;

Or. it

Emenda 693
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini, Francesco Ventola

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport***, inkluż il-ħin għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;***	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport

Or. it

Emenda 694
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***inkluż il-ħin*** għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***minbarra l-ħin*** għat-tagħbija, ***għall-waqfien*** u għall-ħatt tal-annimali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tal-proċessi tat-tagħbija u tal-ħatt fid-definizzjonijiet tal-"vjaġġ" u tal-"ħin tal-vjaġġ" tpoġġi pressjoni żejda fuq il-persuni li jieħdu ħsieb l-annimali u t-trasportaturi. Peress li t-tagħbija u l-ħatt jitqiesu bħala proċessi riskjużi u stressanti kemm għall-annimali kif ukoll għall-persunal, ma għandu jkollhom l-ebda limitazzjoni tal-ħin. Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 ma jikkalkulax il-ħinijiet tat-tagħbija u tal-ħatt bħala ħin tas-sewqan meta jottimizza t-trasport.

Emenda 695
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Isabel Benjumea Benjumea, Daniel Buda,

Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***inkluż il-ħin għat-tagħbija*** u ***għall-ħatt tal-annimali***;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***minbarra kwalunkwe operazzjoni ta' tagħbija*** u ***ħatt***;

Or. en

Emenda 696
Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***inkluż il-ħin għat-tagħbija*** u ***għall-ħatt tal-annimali***;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***minbarra l-operazzjonijiet ta' ħatt*** u ***tagħbija***;

Or. en

Emenda 697
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***inkluż il-ħin*** għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***minbarra l-ħin*** għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;

Or. en

Emenda 698
Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***inkluż il-ħin*** għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***minbarra l-ħin*** għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;

Or. en

Emenda 699
Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***inkluż il-ħin*** għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***minbarra l-ħin*** għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;

Or. en

Emenda 700
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Emma Wiesner, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***inkluż il-ħin*** għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***minbarra l-ħin*** għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;

Or. en

Emenda 701
Veronika Vrecionová, Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***inkluż il-ħin*** għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***minbarra l-ħin*** għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tat-tagħbija u tal-ħatt fil-ħin totali tal-vjaġġ tista' toħloq b'mod involontarju pressjoni biex jiġu aċċellerati dawn il-proċeduri, li tista' taffettwa l-benesseri tal-annimali. Peress li d-durata tat-tagħbija tvarja b'mod sinifikanti bejn l-ispeċijiet, jista' jkun aktar xieraq li l-ħin tat-tagħbija ma jingħaddx mal-kalkolu ġenerali tal-ħin tal-vjaġġ.

Emenda 702
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***inkluż il-ħin*** għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***minbarra l-ħin*** għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-"ħin tal-vjaġġ" huwa differenti mill-"ħin tat-trasport", peress li vjaġġ jista' jinkludi diversi taqsimiet tat-trasport li jużaw diversi modi ta' trasport.

Emenda 703
Stanislav Stoyanov

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***inkluż il-ħin*** għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;	25. "ħin tal-vjaġġ" tfisser il-perjodu ta' żmien li matulu l-annimali jitmexxew permezz tat-trasport, ***minbarra l-ħin*** għat-tagħbija u għall-ħatt tal-annimali;

Or. en

Emenda 704
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
26. "indokratur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, ħlief trasportatur, inkarigata minn jew li timmaniġġja annimali kemm jekk fuq bażi permanenti kif ukoll jekk temporanja;	26. "indokratur ***tal-annimali***" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, ħlief trasportatur, inkarigata minn jew li timmaniġġja annimali kemm jekk fuq bażi permanenti kif ukoll jekk temporanja***, qabel u sal-ħin tat-trasport***; ***[1a];***

[1a] 1. Din l-emenda tapplika għat-test kollu.

Or. en

Emenda 705
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
26. "indokratur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, ħlief trasportatur, inkarigata minn jew li timmaniġġja annimali kemm jekk fuq bażi permanenti kif ukoll jekk temporanja;	26. "indokratur ***tal-annimali***" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, ħlief trasportatur, inkarigata minn jew li timmaniġġja annimali kemm jekk fuq bażi permanenti kif ukoll jekk temporanja***, qabel u sal-ħin tat-trasport***;

Or. en

Emenda 706
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
26. "indokratur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, ħlief trasportatur, inkarigata minn jew li timmaniġġja annimali kemm jekk fuq bażi permanenti kif ukoll jekk temporanja;	26. "indokratur ***tal-annimali***" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, ħlief trasportatur, inkarigata minn jew li timmaniġġja annimali kemm jekk fuq bażi permanenti kif ukoll jekk temporanja***, qabel u sal-ħin tat-trasport***;

Or. en

Emenda 707
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
26. "indokratur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika***, ħlief trasportatur***, inkarigata minn jew li timmaniġġja annimali kemm jekk fuq bażi permanenti kif ukoll jekk temporanja;	26. "indokratur ***tal-annimali***" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, inkarigata minn jew li timmaniġġja annimali kemm jekk fuq bażi permanenti kif ukoll jekk temporanja***, qabel jew sal-mument tat-trasport***;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi ggarantita distribuzzjoni koerenti, proporzjonata u razzjonali tar-responsabbiltajiet bejn il-kategoriji differenti ta' operaturi fil-katina tat-trasport, bħall-indokraturi tal-annimali, l-operaturi tal-annimali, it-trasportaturi u l-organizzaturi, hija meħtieġa definizzjoni ġdida tal-indokratur tal-annimali.

Emenda 708
Stefano Bonaccini, Dario Nardella, Matteo Ricci

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
26. "indokratur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika***, ħlief trasportatur,*** inkarigata minn jew li timmaniġġja annimali kemm jekk fuq bażi permanenti kif ukoll jekk temporanja;	26. "indokratur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika inkarigata minn jew li timmaniġġja annimali kemm jekk fuq bażi permanenti kif ukoll jekk temporanja ***sal-mument tat-trasport***;

Or. it

Emenda 709
Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 26a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	26a. "annimali għat-tnissil" huma definiti bħala annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati għall-fini ta' riproduzzjoni. Dan jinkludi annimali li speċifikament jintgħażlu, jinżammu jew jiġu ttrasportati bl-intenzjoni li jikkontribwixxu għal programmi ta' tnissil u/jew ta' konservazzjoni.

Or. en

Emenda 710
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
30. "perjodu ta' mistrieħ" tfisser perjodu kontinwu matul vjaġġ li matulu l-annimali ma jitmexxewx b'mezz tat-trasport;	30. "perjodu ta' mistrieħ" tfisser perjodu kontinwu matul vjaġġ li matulu l-annimali ma jitmexxewx b'mezz tat-trasport ***u jinħattu biex jistrieħu***;

Or. en

Emenda 711
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 31a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	31a. "trasport bil-klima kkontrollata" huwa l-moviment tal-annimali f'mezz tat-trasport li juża kwalunkwe sistema mekkanika, li tista' tinkludi t-tisħin, it-tkessiħ, il-kontroll tal-umdità u d-distribuzzjoni tal-arja, biex jissodisfa l-ħtiġijiet ambjentali tal-annimal matul il-vjaġġ;

Or. en

Emenda 712
Philippe Olivier, Valérie Deloge, Julien Leonardelli, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
33. "annimal ekwin mhux imrażżan" tfisser annimal ekwin li ***ma jistax*** jintrabat jew jinġibed b'kappestru mingħajr ma jiġi	33. "annimal ekwin mhux imrażżan" tfisser annimal ekwin li ***ma trabbiex biex*** jintrabat jew jinġibed b'kappestru mingħajr

kkawżat ***eċitament***, uġigħ jew tbatija evitabbli.	ma jiġi kkawżat ***stress***, uġigħ jew tbatija evitabbli.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-espressjoni "ma jistax" hija skorretta għal żiemel mhux imrażżan minħabba li timplika nuqqas ta' edukazzjoni u mhux ta' inkapaċità; it-terminu "stress" huwa aktar xieraq minn "eċċitament" biex jiddeskrivi r-reazzjoni tiegħu.

Emenda 713
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Salvatore De Meo, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Herbert Dorfmann, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	33a. "vettura bil-klima kontrollata" tfisser vettura maħsuba għall-moviment ta' annimali li tuża kwalunkwe sistema adegwata għall-kontroll tal-klima interna, li tista' tinkludi t-tisħin u t-tkessiħ, għaż-żamma tal-parametri klimatiċi xierqa għall-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati matul il-vjaġġ.

Or. en

Emenda 714
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	33a. "vettura bil-klima kontrollata" tfisser vettura maħsuba għall-moviment ta' annimali li tuża kwalunkwe sistema adegwata għall-kontroll tal-klima interna,

li tista' tinkludi t-tisħin u t-tkessiħ, għaż-żamma tal-parametri klimatiċi xierqa għall-annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati matul il-vjaġġ.

Or. en

Emenda 715
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	33a. "riproduttur tal-annimali" l-annimali ttrasportati għal finijiet ta' tnissil. Dan jinkludi l-annimali magħżula, miżmumin jew ittrasportati speċifikament bl-intenzjoni li jikkontribwixxu għat-tnissil u/jew għall-programmi ta' salvagwardja tal-ispeċi.

Or. fr

Emenda 716
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	33a. "annimali vulnerabbli" jinkludu annimali tqal li għalihom terz jew aktar tal-perjodu ta' ġestazzjoni mistenni jkun diġà għadda, jew nisa li jkunu welldu fl-aħħar 8 ġimgħat, annimali mhux miftumin, annimali fi tmiem il-karriera, annimali li jkunu qed ireddgħu u annimali li jkunu għadhom kif twieldu;

Or. en

Emenda 717
Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	33a. "annimali għat-tnissil" tfisser annimal li jkun qed jiġi ttrasportat għall-fini ta' riproduzzjoni, inklużi annimali speċifikament magħżula, miżmuma jew ittrasportati biex jikkontribwixxu għal programmi ta' tnissil u/jew ta' konservazzjoni;

Or. en

Emenda 718
Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	33a. "annimali għat-tnissil" tfisser annimal li jiġi ttrasportat għall-fini ta' riproduzzjoni, inklużi annimali speċifikament magħżula, miżmuma jew ittrasportati biex jikkontribwixxu għal programmi ta' tnissil u ta' konservazzjoni;

Or. en

Emenda 719
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 33b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	33b. "annimali għat-tnissil" tfisser annimal li jkun qed jiġi ttrasportat għall-fini ta' riproduzzjoni, inklużi annimali speċifikament magħżula, miżmuma jew ittrasportati biex jikkontribwixxu għal programmi ta' tnissil u/jew ta' konservazzjoni;

Or. en

Emenda 720
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	33a. "trasport għall-iskarnar" tfisser trasport bl-intenzjoni li annimal jiġi skarnat immedjatament mal-wasla fil-post tad-destinazzjoni jew f'perjodu massimu ta' xahrejn.

Or. en

Emenda 721
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	33a. "dgħajsa għat-trobbija jew dgħajsa bit-tankijiet" tfisser bastiment b'bir jew b'tank għat-trasport ta' ħut ħaj;

Or. en

Emenda 722
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 33b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	33b. "benesseri tal-annimali" tfisser l-istat fiżiku u mentali ta' annimal b'rabta mal-kundizzjonijiet li fihom jgħix u jmut.

Or. en

Emenda 723
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 33c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	33c. "benesseri tal-annimali" tfisser l-istat fiżiku u mentali ta' annimal b'rabta mal-kundizzjonijiet li fihom jgħix u jmut.

Or. en

Emenda 724
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 33b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	33b. "annimal adult" tfisser annimal li huwa kompletament miftum u li ma għadux jiddependi mill-ħalib għan-nutrizzjoni.

Or. en

Emenda 725
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 33c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	33c. "għasafar domestiċi" tfisser dawk l-ispeċijiet inklużi fl-opinjoni xjentifika tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) dwar il-benesseri tal-għasafar domestiċi u tal-fniek ittrasportati f'kontejners.

Or. en

Emenda 726
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 33d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	33d. "mewġa tas-sħana" tfisser episodju ta' mill-inqas 3 ijiem konsekuttivi li matulhom mill-inqas 10 % tal-istazzjonijiet ikkunsidrati jirreġistraw temperaturi massimi ta' kuljum li jaqbżu l-perċentwal ta' 95 % tas-serje rispettiva tagħhom għax-xhur ta' Lulju u ta' Awwissu matul il-perjodu ta' referenza mill-1971 sal-2000.

Or. en

Emenda 727
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	34
	34. "mewġa tas-sħana": episodju ta' mill-inqas 3 ijiem konsekuttivi li fih mill-inqas 10 % tal-istazzjonijiet ikkunsidrati jirreġistraw temperaturi massimi li jaqbżu l-perċentwal ta' 95 % tas-serje tagħhom ta' temperaturi massimi ta' kuljum għax-xhur ta' Lulju u Awwissu fil-perjodu mill-1971 sal-2000.

Or. en

Emenda 728
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	It-"trasport fl-arja kondizzjonata" huwa l-ispostament tal-annimali f'mezz ta' trasport li juża sistema mekkanika, li tista' tinkludi t-tisħin, it-tkessiħ, il-kontroll tal-umdità u d-distribuzzjoni tal-arja, biex tirrispondi għall-ħtiġijiet ambjentali tal-annimal waqt il-vjaġġ.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din tirrigwarda d-definizzjoni xierqa ta' "vetturi bl-arja kondizzjonata" fil-proposta tar-Regolament.

Emenda 729
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto,

Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali jew tikkawża li*** l-annimali jiġu ttrasportati ***b'mod li jikkawża jew li x'aktarx jikkawżalhom*** tbatija bla bżonn.	1. L-annimali ***għandhom*** jiġu ttrasportati ***f'kundizzjonijiet xierqa biex tiġi pprevenuta ħsara jew*** tbatija bla bżonn.

Or. en

Emenda 730
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Salvatore De Meo, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Herbert Dorfmann, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali jew tikkawża li*** l-annimali jiġu ttrasportati ***b'mod li jikkawża jew li x'aktarx jikkawżalhom*** tbatija bla bżonn.	1. L-annimali ***jeħtiġilhom*** jiġu ttrasportati ***f'kundizzjonijiet xierqa biex ma jsofrux ħsara jew*** tbatija bla bżonn***.***

Or. en

Emenda 731
Marko Vešligaj

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-ebda persuna*** ma ***għandha tittrasporta annimali jew tikkawża li l-***	1. ***L-ebda annimal*** ma ***għandu jiġi ttrasportat*** b'mod li jikkawża jew li

annimali jiġu ttrasportati b'mod li jikkawża jew li x'aktarx ***jikkawżalhom*** tbatija bla bżonn.	x'aktarx ***jikkawżalu*** tbatija bla bżonn.

Or. en

Emenda 732
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ebda ***persuna*** ma ***għandha tittrasporta annimali jew tikkawża li l-annimali jiġu ttrasportati*** b'mod li jikkawża ***jew*** li ***x'aktarx jikkawżalhom*** tbatija bla bżonn.	1. L-ebda ***annimal*** ma ***għandu jiġi ttrasportat*** b'mod li jikkawża li ***jkun soġġett għal jew f'riskju ta'*** tbatija bla bżonn.

Or. fr

Emenda 733
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ebda persuna ma għandha ***tittrasporta*** annimali jew tikkawża li l-annimali jiġu ttrasportati b'mod li jikkawża jew li x'aktarx jikkawżalhom tbatija bla bżonn.	1. L-ebda persuna ma għandha ***torganizza trasport ta'*** annimali jew tikkawża li l-annimali jiġu ttrasportati b'mod li jikkawża jew li x'aktarx jikkawżalhom tbatija bla bżonn.

Or. en

Emenda 734
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali jew tikkawża li l-annimali jiġu ttrasportati b'mod li jikkawża jew li x'aktarx jikkawżalhom tbatija ***bla bżonn***.	1. L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali jew tikkawża li l-annimali jiġu ttrasportati b'mod li jikkawża li x'aktarx jikkawżalhom ***korrimenti jew*** tbatija.

Or. en

Emenda 735
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ebda persuna ma għandha ***tittrasporta*** annimali jew tikkawża li l-annimali jiġu ttrasportati b'mod li jikkawża jew li x'aktarx jikkawżalhom tbatija bla bżonn.	1. L-ebda persuna ma għandha ***torganizza trasport ta'*** annimali jew tikkawża li l-annimali jiġu ttrasportati b'mod li jikkawża jew li x'aktarx jikkawżalhom ***korrimenti jew*** tbatija bla bżonn.

Or. en

Emenda 736
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali jew tikkawża li l-annimali jiġu ttrasportati b'mod li jikkawża jew li x'aktarx jikkawżalhom tbatija bla bżonn.	1. L-ebda persuna ***fiżika jew ġuridika*** ma għandha tittrasporta annimali jew tikkawża li l-annimali jiġu ttrasportati b'mod li jikkawża jew li x'aktarx jikkawżalhom tbatija bla bżonn.

Or. en

Emenda 737
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali jew tikkawża li l-annimali jiġu ttrasportati b'mod li jikkawża jew li x'aktarx jikkawżalhom tbatija bla bżonn.	1. L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali jew tikkawża li l-annimali jiġu ttrasportati b'mod li jikkawża ***korriment*** jew li x'aktarx jikkawżalhom tbatija ***serja*** bla bżonn.

Or. en

Emenda 738
Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali jew tikkawża li l-annimali jiġu ttrasportati b'mod li jikkawża jew li x'aktarx jikkawżalhom tbatija bla bżonn.	1. L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali jew tikkawża li l-annimali jiġu ttrasportati b'mod li jikkawża ***korriment*** jew li x'aktarx jikkawżalhom tbatija bla bżonn.

Or. en

Emenda 739
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Dan l-Artikolu japplika eskluživament għat-trasport imwettaq għall-finijiet elenkati fl-Artikolu 2, il-

paragrafu 2, il-punti a) sa d).

Or. fr

Emenda 740
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Kwalunkwe persuna li tittrasporta*** l-annimali ***jew li tikkawża t-trasport tal-annimali għandha tiżgura l-konformità*** mar-rekwiżiti li ġejjin:	2. L-annimali ***kollha jiġu ttrasportati f'konformità*** mar-rekwiżiti li ġejjin:

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Huwa suġġerit li t-terminu "kwalunkwe persuna" jiġi sostitwit b'"l-annimali kollha" sabiex jippermetti distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-operaturi differenti tal-katina tat-trasport.

Emenda 741
Marko Vešligaj

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Kwalunkwe persuna li tittrasporta*** l-annimali ***jew li tikkawża t-trasport tal-annimali għandha tiżgura l-konformità*** mar-rekwiżiti li ġejjin:	2. L-annimali ***kollha għandhom jiġu ttrasportati f'konformità*** mar-rekwiżiti li ġejjin:

Or. en

Emenda 742
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní

Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Kwalunkwe persuna li tittrasporta*** l-annimali ***jew li tikkawża t-trasport tal-annimali għandha tiżgura l-konformità*** mar-rekwiżiti li ġejjin:	2. L-annimali ***kollha għandhom jiġu ttrasportati f'konformità*** mar-rekwiżiti li ġejjin:

Or. en

Emenda 743
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Kwalunkwe persuna li tittrasporta*** l-annimali ***jew li tikkawża t-trasport tal-annimali għandha tiżgura l-konformità*** mar-rekwiżiti li ġejjin:	2. L-annimali ***kollha għandhom jiġu ttrasportati f'konformità*** mar-rekwiżiti li ġejjin:

Or. en

Emenda 744
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kwalunkwe persuna li tittrasporta l-annimali jew li tikkawża t-trasport tal-annimali għandha tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:	2. Kwalunkwe persuna ***li torganizza t-trasport tal-annimali,*** li tittrasporta l-annimali jew li tikkawża t-trasport tal-annimali għandha tiżgura l-konformità ***mal-liġijiet u mar-regolamenti internazzjonali, reġjonali u nazzjonali***

kollha, kif ukoll il-linji gwida rilevanti, flimkien mar-rekwiżiti li ġejjin***, matul il-vjaġġ kollu***:

Or. en

Emenda 745
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kwalunkwe persuna li tittrasporta l-annimali jew li tikkawża t-trasport tal-annimali għandha tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:	2. Kwalunkwe persuna ***li torganizza trasport tal-annimali***, li tittrasporta l-annimali jew li tikkawża t-trasport tal-annimali għandha tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

Or. en

Emenda 746
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kwalunkwe persuna li ***tittrasporta l-annimali*** jew li tikkawża t-trasport tal-annimali għandha tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:	2. Kwalunkwe persuna li ***torganizza t-trasport tal-annimali*** jew li tikkawża t-trasport tal-annimali għandha tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

Or. en

Emenda 747
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kwalunkwe persuna li tittrasporta l-annimali jew li tikkawża t-trasport tal-annimali għandha tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:	2. Kwalunkwe persuna ***fiżika jew ġuridika*** li tittrasporta l-annimali jew li tikkawża t-trasport tal-annimali għandha tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

Or. en

Emenda 748
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli l-aktar komuni għall-benesseri tal-annimali, inkluża t-tbatija mill-ġuħ, mill-għatx, mill-għeja, mill-korrimenti ***jew mill-iskumdità*** termali ***tiġi mminimizzata***;	(a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli l-aktar komuni għall-benesseri tal-annimali ***terrestri***, inkluża t-tbatija mill-ġuħ, mill-għatx, ***mill-istress,*** mill-għeja, mill-korrimenti***, mill-kwalità ħażina tal-arja, mill-istress*** termali ***u minn rix maħmuġ ħafna fl-għasafar jiġu evitati u l-ħtiġijiet tal-annimali jiġu ssodisfati matul il-vjaġġ kollu***;

Or. en

Emenda 749
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli l-aktar komuni għall-benesseri tal-annimali, inkluża t-tbatija mill-ġuħ, mill-	(a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli l-aktar komuni għall-benesseri tal-annimali, inkluża t-tbatija mill-ġuħ, mill-

għatx, mill-għeja, mill-korrimenti ***jew mill-iskumditàˋ*** termali ***tiġi mminimizzata***;	għatx, mill-għeja, mill-korrimenti***, mill-kwalità ħażina tal-arja, mill-istress*** termali ***u minn rix maħmuġ ħafna fl-għasafar jiġu evitati u l-ħtiġijiet tal-annimali jiġu ssodisfati matul il-vjaġġ kollu***;

Or. en

Emenda 750
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli l-aktar komuni għall-benesseri tal-annimali, inkluża t-tbatija mill-ġuħ, mill-għatx, mill-għeja, mill-korrimenti ***jew mill-iskumditàˋ*** termali ***tiġi mminimizzata***;	(a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli l-aktar komuni għall-benesseri tal-annimali, inkluża t-tbatija mill-ġuħ, mill-għatx, mill-għeja, mill-korrimenti***, mill-kwalità ħażina tal-arja, mill-istress*** termali ***u minn ħafna ħmieġ jiġu evitati u l-ħtiġijiet tal-annimali jiġu ssodisfati matul il-vjaġġ kollu***;

Or. en

Emenda 751
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli l-aktar komuni għall-benesseri tal-annimali, inkluża t-tbatija mill-ġuħ, mill-għatx, mill-għeja, mill-korrimenti ***jew mill-iskumditàˋ*** termali ***tiġi mminimizzata***;	(a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli l-aktar komuni għall-benesseri tal-annimali, inkluża t-tbatija mill-ġuħ, mill-għatx, mill-għeja, mill-korrimenti***, minn stress*** termali***, minn konċentrazzjoni ta'***

ħsara ta' ammonijaka fl-arja jew akkumulazzjoni żejda ta' feċi;

Or. en

Emenda 752
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli ***l-aktar komuni*** għall-benesseri tal-annimali, inkluża t-tbatija mill-ġuħ, mill-għatx, mill-għeja, mill-korrimenti jew mill-iskumditàtermali tiġi mminimizzata;	a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli għall-benesseri tal-annimali ***terrestri***, inkluża t-tbatija mill-ġuħ, mill-għatx, mill-għeja, mill-korrimenti jew mill-iskumditàtermali tiġi mminimizzata;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-ħut għandu jissajjem qabel jiġi ttrasportat u ma jbatix bl-għatx. It-test għandu jiġi emendat.

Emenda 753
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli l-aktar komuni għall-benesseri tal-annimali, inkluża t-tbatija mill-ġuħ, mill-għatx, mill-għeja, mill-korrimenti jew mill-iskumditàtermali tiġi mminimizzata;	(a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli l-aktar komuni għall-benesseri tal-annimali, inkluża t-tbatija mill-ġuħ, mill-għatx, mill-għeja, mill-korrimenti jew mill-iskumditàtermali tiġi mminimizzata ***u l-ħtiġijiet tal-annimali jiġu ssodisfati matul il-vjaġġ kollu***;

Or. en

Emenda 754
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda, Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli l-aktar komuni għall-benesseri tal-annimali, inkluża t-tbatija mill-ġuħ, mill-għatx, mill-għeja, mill-korrimenti jew mill-iskumditàtermali tiġi mminimizzata;	(a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli l-aktar komuni għall-benesseri tal-annimali ***terrestri***, inkluża t-tbatija mill-ġuħ, mill-għatx, mill-għeja, mill-korrimenti jew mill-iskumditàtermali tiġi mminimizzata;

Or. en

Emenda 755
Marko Vešligaj

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli l-aktar komuni għall-benesseri tal-annimali, inkluża t-tbatija mill-ġuħ, mill-għatx, mill-għeja, mill-korrimenti jew mill-iskumditàtermali tiġi mminimizzata;	(a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli l-aktar komuni għall-benesseri tal-annimali ***terrestri***, inkluża t-tbatija mill-ġuħ, mill-għatx, mill-għeja, mill-korrimenti jew mill-iskumditàtermali tiġi mminimizzata;

Or. en

Emenda 756

Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli l-aktar komuni għall-benesseri tal-annimali, ***inkluża t-tbatija*** mill-ġuħ, mill-għatx, mill-għeja, mill-korrimenti jew mill-iskumditàtermali tiġi mminimizzata;	(a) ikunu saru l-arranġamenti neċessarji kollha minn qabel sabiex tiġi mminimizzata d-durata tal-vjaġġ sabiex il-perikli l-aktar komuni għall-benesseri tal-annimali, ***bħat-tbatija*** mill-ġuħ, mill-għatx, mill-għeja, mill-korrimenti jew mill-iskumditàtermali tiġi mminimizzata;

Or. en

Emenda 757
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-ħin tal-vjaġġ tat-trasport tal-annimali ma għandux jaqbeż it-8 sigħat;

Or. en

Emenda 758
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-annimali jkunu idonei għall-vjaġġ ***kollu***;	(b) l-annimali jkunu idonei għall-vjaġġ;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa possibbli li l-annimali jistgħu ma jibqgħux tajbin għat-trasport matul il-vjaġġ, u għalhekk huwa impossibbli li jiġi ggarantit li jibqgħu tajbin għat-trasport għat-tul kollu tal-vjaġġ.

Emenda 759
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-mezzi tat-trasport ikunu ddisinjati, mibnijin, miżmumin u operati b'mod sabiex ***jiġu*** evitat korriment jew tbatija bla bżonn u sabiex ***tiġi żgurata*** s-sikurezza tal-annimali;	(c) il-mezzi tat-trasport ikunu ddisinjati, mibnijin, miżmumin u operati b'mod sabiex ***jiġi*** evitat ***mard,*** korriment jew tbatija bla bżonn u sabiex ***jiġu żgurati*** s-saħħa, il-benesseri u s-sikurezza ***kemm*** tal-annimali ***kif ukoll tal-persuni involuti fit-trasport***;

Or. en

Emenda 760
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-mezzi tat-trasport ikunu ddisinjati, mibnijin, miżmumin u operati b'mod sabiex ***jiġu*** evitat korriment jew tbatija bla bżonn u sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-annimali;	(c) il-mezzi tat-trasport ikunu ddisinjati, mibnijin, miżmumin u operati b'mod sabiex ***jiġi*** evitat ***mard,*** korriment jew tbatija bla bżonn u sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-annimali;

Or. en

Emenda 761
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-mezzi tat-trasport ikunu ddisinjati, mibnijin, miżmumin u operati b'mod sabiex ***jiġu*** evitat korriment jew tbatija ***bla bżonn*** u sabiex ***tiġi żgurata*** s-sikurezza tal-annimali;	(c) il-mezzi tat-trasport ikunu ddisinjati, mibnijin, miżmumin u operati b'mod sabiex ***jiġi*** evitat korriment jew tbatija u sabiex ***jiġu żgurati*** s-sikurezza***, is-saħħa u l-benesseri*** tal-annimali;

Or. en

Emenda 762
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-mezzi tat-trasport ikunu ddisinjati, mibnijin, miżmumin u operati b'mod sabiex ***jiġu evitat*** korriment jew tbatija bla bżonn u sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-annimali;	(c) il-mezzi tat-trasport ikunu ddisinjati, mibnijin, miżmumin u operati b'mod sabiex ***jiġi mminimizzat*** korriment jew tbatija bla bżonn u sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-annimali;

Or. en

Emenda 763
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-faċilitajiet tat-tagħbija u tal-ħatt ikunu ddisinjati, mibnijin, miżmumin u mħaddmin ***b'mod adegwat*** sabiex jiġu ***evitati*** korriment u tbatija ***bla bżonn*** u sabiex ***tiġi żgurata*** s-sikurezza tal-annimali;	(d) il-faċilitajiet tat-tagħbija u tal-ħatt ikunu ddisinjati, mibnijin, miżmumin u mħaddmin sabiex jiġu ***pprevenuti*** korriment u tbatija bla bżonn u sabiex ***jiġu żgurati*** s-sikurezza***, is-saħħa u l-benesseri*** tal-annimali;

Or. en

Emenda 764
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-faċilitajiet tat-tagħbija u tal-ħatt ikunu ddisinjati, mibnijin, miżmumin u mħaddmin ***b'mod adegwat*** sabiex jiġu ***evitati*** korriment u tbatija bla bżonn u sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-annimali;	(d) il-faċilitajiet tat-tagħbija u tal-ħatt ikunu ddisinjati, mibnijin, miżmumin u mħaddmin sabiex jiġu ***mminimizzati*** korriment u tbatija bla bżonn u sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-annimali;

Or. en

Emenda 765
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-faċilitajiet tat-tagħbija u tal-ħatt ikunu ddisinjati, mibnijin, miżmumin u mħaddmin ***b'mod adegwat*** sabiex jiġu evitati ***korriment*** u tbatija bla bżonn u sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-annimali;	(d) il-faċilitajiet tat-tagħbija u tal-ħatt ikunu ddisinjati, mibnijin, miżmumin u mħaddmin sabiex jiġu evitati ***stress*** u tbatija bla bżonn u sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-annimali;

Or. en

Emenda 766
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-faċilitajiet tat-tagħbija u tal-ħatt ikunu ddisinjati, mibnijin, miżmumin u mħaddmin b'mod adegwat sabiex jiġu evitati korriment u tbatija bla bżonn u sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-annimali;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 767
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kwalunkwe persuna fiżika responsabbli għall-annimali fi kwalunkwe stadju tat-trasport tagħhom tkun kompetenti għal dan l-għan u għall-immaniġġjar tal-annimali ttrasportati, u twettaq il-kompiti tagħha mingħajr ma tuża vjolenza jew kwalunkwe metodu li x'aktarx jikkawża korriment jew tbatija bla bżonn lill-annimali;	(e) kwalunkwe persuna fiżika responsabbli għall-annimali fi kwalunkwe stadju tat-trasport tagħhom tkun kompetenti għal dan l-għan u għall-immaniġġjar tal-annimali ttrasportati, u twettaq il-kompiti tagħha mingħajr ma tuża vjolenza jew kwalunkwe metodu li x'aktarx jikkawża korriment jew tbatija bla bżonn lill-annimali; ***dawk li jrabbu l-annimali huma kkwalifikati għal dan il-kompitu u ma jirrikjedux taħriġ addizzjonali għat-trasport ta' <50 km;***

Or. en

Emenda 768
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kwalunkwe persuna fiżika responsabbli għall-annimali fi kwalunkwe stadju tat-trasport tagħhom tkun kompetenti għal dan l-għan u għall-	(e) kwalunkwe persuna fiżika responsabbli għall-annimali fi kwalunkwe stadju tat-trasport tagħhom tkun kompetenti għal dan l-għan u għall-

immaniġġjar tal-annimali ttrasportati, u twettaq il-kompiti tagħha mingħajr ma tuża vjolenza jew kwalunkwe metodu li x'aktarx jikkawża korriment jew tbatija ***bla bżonn*** lill-annimali;	immaniġġjar tal-annimali ttrasportati, u twettaq il-kompiti tagħha mingħajr ma tuża vjolenza jew kwalunkwe metodu li x'aktarx jikkawża korriment jew tbatija lill-annimali;

Or. en

Emenda 769
Milan Mazurek

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kwalunkwe persuna fiżika responsabbli għall-annimali fi kwalunkwe stadju tat-trasport tagħhom tkun kompetenti għal dan l-għan u għall-immaniġġjar tal-annimali ttrasportati, u twettaq il-kompiti tagħha mingħajr ma tuża vjolenza jew kwalunkwe metodu li x'aktarx jikkawża korriment jew tbatija bla bżonn lill-annimali;	(e) kwalunkwe persuna fiżika responsabbli għall-annimali fi kwalunkwe stadju tat-trasport tagħhom tkun kompetenti għal dan l-għan u għall-immaniġġjar tal-annimali ttrasportati, u twettaq il-kompiti tagħha mingħajr ma tuża vjolenza ***eċċessiva*** jew kwalunkwe metodu li x'aktarx jikkawża korriment jew tbatija bla bżonn lill-annimali;

Or. sk

Emenda 770
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-trasport jitwettaq mingħajr dewmien ***żejjed***;	(f) it-trasport jitwettaq mingħajr dewmien;

Or. en

Emenda 771
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-kundizzjoni tal-benesseri tal-annimali tiġi vverifikata regolarment u tinżamm kif xieraq;	(g) il-kundizzjoni tal-benesseri tal-annimali tiġi vverifikata regolarment u tinżamm kif xieraq ***kull 8 sigħat***;

Or. en

Emenda 772
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) il-kundizzjoni tal-benesseri tal-annimali ***tiġi vverifikata regolarment u*** tinżamm kif xieraq;	(g) il-kundizzjoni tal-benesseri tal-annimali tinżamm kif xieraq;

Or. en

Emenda 773
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) l-erja tal-art u l-għoli tal-mezz tat-trasport ***u l-faċilitajiet tal-ħatt u tat-tagħbija*** huma adattati għall-ispeċi, għad-daqs, għall-kategorija tal-annimali kkonċernati u għall-vjaġġ ippjanat;	(h) l-erja tal-art u l-għoli tal-mezz tat-trasport huma adattati għall-ispeċi, għad-daqs***, għall-imġiba etoloġika***, għall-kategorija tal-annimali kkonċernati u għall-vjaġġ ippjanat;

Or. en

Emenda 774
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) l-erja tal-art u l-għoli tal-mezz tat-trasport u l-faċilitajiet tal-ħatt u tat-tagħbija huma adattati għall-ispeċi, għad-daqs, għall-kategorija tal-annimali kkonċernati u għall-vjaġġ ippjanat;	(h) l-erja tal-art u l-għoli tal-mezz tat-trasport u l-faċilitajiet tal-ħatt u tat-tagħbija huma adattati għall-ispeċi, għad-daqs, ***għall-imġiba etoloġika u*** għall-kategorija tal-annimali kkonċernati u għall-vjaġġ ippjanat;

Or. en

Emenda 775
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
h) l-erja tal-art u l-għoli tal-mezz tat-trasport u l-faċilitajiet tal-ħatt u tat-tagħbija huma adattati għall-ispeċi, għad-daqs, għall-kategorija tal-annimali kkonċernati u għall-vjaġġ ippjanat;	h) l-erja tal-art u l-għoli tal-mezz tat-trasport u l-faċilitajiet tal-ħatt u tat-tagħbija huma adattati għall-ispeċi, għad-daqs***,*** ***għall-imġiba etoloġika u*** għall-kategorija tal-annimali kkonċernati u għall-vjaġġ ippjanat;

Or. es

Ġustifikazzjoni

Id-daqs jew il-kategorija ta' annimal ma għandhomx ikunu l-uniku fattur meqjus biex jiġu determinati d-daqs jew id-densità tal-annimali. Pereżempju, il-pollam huma tjur naturali, u l-imġiba naturali tagħhom hija li joqogħdu qroqqa biex jipproteġu ruħhom mill-iskossi. Dawn il-karatteristiċi ta' kull speċi għandhom jiġu meqjusa wkoll biex jiġi żgurat li l-gaġeġ ikunu mfassla b'tali mod li joffru livell għoli ta' benesseri tal-annimali.

Emenda 776
Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-ilma, l-għalf u l-mistrieħ jiġu offruti lill-annimali f'intervalli regolari matul il-vjaġġ u huma adattati fil-kwalità u fil-kwantità għall-ispeċi tal-annimal u għall-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 777
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-ilma, l-għalf u l-mistrieħ jiġu offruti lill-annimali f'intervalli ***regolari*** matul il-vjaġġ u huma adattati fil-kwalità u fil-kwantità għall-ispeċi tal-annimal ***u għall-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom***;	(i) l-ilma, l-għalf u l-mistrieħ jiġu offruti lill-annimali f'intervalli ***xierqa*** matul il-vjaġġ u huma adattati fil-kwalità u fil-kwantità għall-ispeċi tal-annimal;

Or. en

Emenda 778
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i) l-ilma, l-għalf u l-mistrieħ jiġu offruti lill-annimali f'intervalli regolari matul il-vjaġġ u huma adattati fil-kwalità u fil-kwantità għall-ispeċi tal-annimal u għall-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom;	i) l-ilma, l-għalf u l-mistrieħ jiġu offruti lill-annimali ***terrestri*** f'intervalli regolari matul il-vjaġġ u huma adattati fil-kwalità u fil-kwantità għall-ispeċi tal-annimal u għall-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom; ***bl-eċċezzjoni tal-pollam, li għandu josserva perjodu ta' sawm waqt it-trasport lejn il-biċċerija, sabiex jiġu***

rrispettati r-regoli tal-iġjene.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din tirrigwarda prattika tajba magħrufa fil-produzzjoni tat-tjur: il-pollam ma għandux jingħalef waqt it-trasport minħabba raġunijiet ta' iġjene. Is-sawm qabel u waqt it-trasport huwa essenzjali biex jitnaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni fekali tal-karkassi. Barra minn hekk, huwa rakkomandat perjodu ta' rtirar tat-tmigħ għal bosta sigħat sabiex jiġi żgurat li l-imsaren tal-għasafar ikunu vojta. Dan huwa importanti biex jinżamm kontroll tal-kontaminazzjoni waqt it-trasport. L-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tal-kwalità timponi s-sawm.

Emenda 779
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-ilma, l-għalf u l-mistrieħ jiġu offruti lill-annimali f'intervalli regolari matul il-vjaġġ u huma adattati fil-kwalità u fil-kwantità għall-ispeċi tal-annimal u għall-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom;	(i) l-ilma, l-għalf u l-mistrieħ jiġu offruti lill-annimali f'intervalli regolari matul il-vjaġġ u huma adattati fil-kwalità u fil-kwantità għall-ispeċi tal-annimal u għall-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom; ***bl-eċċezzjoni tal-pollam li għandu jgħaddi minn perjodu ta' mistrieħ matul it-trasport lejn il-biċċerija sabiex jikkonforma mar-regolamenti dwar l-iġjene;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pollam ma għandux jintema' matul it-trasport għal skopijiet ta' iġjene. Is-sawm qabel u matul it-trasport huwa essenzjali biex jiġi mminimizzat il-ħmieġ, jitnaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni tal-karkassi mill-feċi, u jiġu ffaċilitati t-tindif u d-diżinfezzjoni fil-biċċeriji. Barra minn hekk, huwa rrakkomandat perjodu ta' stennija għat-tmigħ ta' bejn 8 u 12-il siegħa biex jiġi żgurat li l-intestini tal-għasafar ikunu vojta filwaqt li tinżamm saħħithom, li huwa vitali għall-kontroll effettiv tal-kontaminazzjoni matul l-ipproċessar.

Emenda 780
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
i) l-ilma, l-għalf u l-mistrieħ jiġu offruti lill-annimali f'intervalli regolari matul il-vjaġġ u huma adattati fil-kwalità u fil-kwantità għall-ispeċi tal-annimal u għall-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom;	i) l-ilma, l-għalf u l-mistrieħ jiġu offruti lill-annimali f'intervalli regolari matul il-vjaġġ u huma adattati fil-kwalità u fil-kwantità għall-ispeċi tal-annimal u għall-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom ***ħlief għat-tjur tal-priża li għandhom jinżammu sajmin matul it-trasport lejn il-biċċerija, biex jiġu rispettati r-regoli dwar l-iġjene***;

Or. es

Emenda 781
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Emma Wiesner, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-ilma, l-għalf u l-mistrieħ jiġu offruti lill-annimali f'intervalli regolari matul il-vjaġġ u huma adattati fil-kwalità u fil-kwantità ***għall-ispeċi*** tal-annimal ***u għall-ħtiġijiet*** fiżjoloġiċi tagħhom;	(i) l-ilma, l-għalf u l-mistrieħ jiġu offruti***, jekk ikun xieraq,*** lill-annimali f'intervalli regolari matul il-vjaġġ u huma adattati fil-kwalità u fil-kwantità***, filwaqt li titqies l-ispeċi*** tal-annimal***, il-ħtiġijiet*** fiżjoloġiċi tagħhom ***u r-regoli sanitarji***;

Or. en

Emenda 782
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-ilma, l-għalf u l-mistrieħ jiġu	(i) l-ilma, l-għalf u l-mistrieħ***, u meta***

offruti lill-annimali f'intervalli regolari matul il-vjaġġ u huma adattati fil-kwalità u fil-kwantità għall-ispeċi tal-annimal u għall-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom;	***meħtieġ il-kura ta' veterinarju,*** jiġu offruti lill-annimali f'intervalli regolari matul il-vjaġġ u huma adattati fil-kwalità u fil-kwantità għall-ispeċi tal-annimal u għall-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom;

Or. en

Emenda 783
Marko Vešligaj

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-ilma, l-għalf u l-mistrieħ jiġu offruti lill-annimali f'intervalli regolari matul il-vjaġġ u huma adattati fil-kwalità u fil-kwantità għall-ispeċi tal-annimal u għall-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom;	(i) l-ilma, l-għalf u l-mistrieħ jiġu offruti lill-annimali ***terrestri*** f'intervalli regolari matul il-vjaġġ u huma adattati fil-kwalità u fil-kwantità għall-ispeċi tal-annimal ***terrestri*** u għall-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom;

Or. en

Emenda 784
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-ilma, l-għalf u l-mistrieħ jiġu offruti lill-annimali f'intervalli regolari matul il-vjaġġ u huma adattati fil-kwalità u fil-kwantità għall-ispeċi tal-annimal u għall-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom;	(i) l-ilma, l-għalf u l-mistrieħ jiġu offruti lill-annimali ***terrestri*** f'intervalli regolari matul il-vjaġġ u huma adattati fil-kwalità u fil-kwantità għall-ispeċi tal-annimal ***terrestri*** u għall-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom;

Or. en

Emenda 785
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) il-ġurnal tal-vjaġġ għandu jinkludi pjan ta' kontinġenza bid-dispożizzjonijiet għall-mitigazzjoni u għar-rispons xieraq għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew avvenimenti mhux mistennija oħra li jistgħu jseħħu kemm matul vjaġġi twal kif ukoll qosra. Tali dispożizzjonijiet għandhom jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal, soluzzjonijiet għall-alloġġ ta' emerġenza tal-annimali u d-dettalji ta' kuntatt ta' esperti xierqa li jistgħu jkunu disponibbli tul ir-rotta. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jindirizzaw il-benesseri tal-annimali, is-sikurezza, il-bijosigurtà, ir-responsabbiltajiet u l-komunikazzjoni;

Or. en

Emenda 786
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ia) Il-mezzi tat-trasport, inklużi s-sistemi tat-tmigħ meta jkunu mgħammra f'mod ta' trasport, għandhom jiġu mnaddfa u diżinfettati immedjatament wara kull trasport tal-annimali jew minn kwalunkwe prodott li jista' jaffettwa s-saħħa tal-annimal, u jekk ikun meħtieġ qabel kull tagħbija ġdida tal-annimali, bl-użu ta' diżinfettanti awtorizzati uffiċjalment mill-awtorità kompetenti;

Or. en

Emenda 787
Sander Smit, Jessika Van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) l-annimali akkwatiċi jiġu pprovduti b'ilma f'volum u ta' kwalità suffiċjenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 788
Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) l-annimali akkwatiċi jiġu pprovduti b'ilma f'volum u ta' kwalità suffiċjenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 789
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) l-annimali akkwatiċi jiġu pprovduti ***b'ilma*** f'volum u ta' kwalità suffiċjenti.	(j) l-annimali akkwatiċi jiġu pprovduti ***kundizzjonijiet tat-trasport adegwati, ilma*** f'volum u ta' kwalità suffiċjenti***, u livelli ta' temperatura u ossiġenu speċifiċi għall-ispeċi matul il-vjaġġ kollu***.

Or. en

Emenda 790
Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) l-annimali akkwatiċi jiġu pprovduti ***b'ilma*** f'volum u ta' kwalità suffiċjenti.	(j) l-annimali akkwatiċi jiġu pprovduti ***ilma*** f'volum u ta' kwalità suffiċjenti***, u livelli ta' temperatura u ossiġenu xierqa għall-ispeċi***.

Or. en

Emenda 791
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) l-annimali akkwatiċi jiġu pprovduti b'ilma f'volum u ta' kwalità suffiċjenti.	(j) l-annimali akkwatiċi jiġu pprovduti b'ilma f'volum u ta' kwalità suffiċjenti***, kull meta jkun meħtieġ l-ilma għat-trasport tiegħu***.

Or. en

Emenda 792
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) l-annimali akkwatiċi jiġu pprovduti	(j) l-annimali akkwatiċi jiġu pprovduti b'ilma f'volum ***suffiċjenti*** u ta' kwalità

b'ilma f'volum u ta' kwalità ***sufiċjenti***.	***tajba***.

Or. en

Emenda 793
Emma Wiesner

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) meta t-trasport ikun qed isir fil-baħar permezz ta' unitajiet ta' żamma tal-irmunkar, il-veloċità għandha tkun xierqa għall-ispeċi, għall-istadju tal-ħajja, għad-daqs, għall-piż u għall-għadd ta' annimali li jkunu qed jiġu ttrasportati biex jiġu evitati l-iffullar u l-eżawriment.

Or. en

Emenda 794
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Alexander Bernhuber, Dan-Ştefan Motreanu, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Żvilupp ta' network tal-biċċeriji
	1. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jipprovdu bżżejjed fondi Ewropej u nazzjonali lill-benefiċjarji sabiex jiżviluppaw in-network tal-biċċeriji. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jibbenefikaw ukoll mill-infrastruttura kollha meħtieġa għall-iżvilupp tan-network tal-biċċeriji.
	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jissimplifikaw il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-

biċċeriji b'mod ġenerali u għall-biċċeriji mobbli b'mod partikolari.

3. L-Istati Membri jagħtu wkoll inċentivi fiskali lin-network tal-biċċeriji għal minimu ta' 5 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

4. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippubblika sa [sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] pjan direzzjonali għall-iżvilupp ta' network Ewropew tal-biċċeriji.

5. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tidentifika l-aħjar prattiki, il-possibbiltajiet ta' finanzjament Ewropej u s-sinerġiji ta' politika għall-iżvilupp tan-network tal-biċċeriji, u għandha tassisti lill-Istati Membri meta tintalab tagħmel dan. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta mingħajr dewmien żejjed rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Or. en

Emenda 795
Philippe Olivier, Valérie Deloge, Julien Leonardelli, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 5	***imħassar***
Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' organizzatur għal vjaġġi twal	
1. L-organizzaturi jistgħu jagħmlu arranġamenti għat-trasport tal-annimali għal vjaġġi twal biss jekk ikollhom awtorizzazzjoni mogħtija f'konformità mal-Artikolu 6.	
2. L-organizzatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-	

trasport ta' annimali għal vjaġġi twal lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola fit-Taqsima 1 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandha tispeċifika jekk l-organizzatur għandux l-intenzjoni li jorganizza t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jew le.

3. L-organizzaturi għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni ma' mhux aktar minn awtorita kompetenti waħda, f'mhux aktar minn Stat Membru wieħed.

4. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandu jkun fiha evidenza li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-organizzatur ikun stabbilit, jew, fil-każ ta' organizzatur stabbilit f'pajjiż terz, ikun irrappreżentat, fl-Istat Membru tal-awtorità kompetenti rispettiva;

(b) l-organizzatur ikollu l-kapaċità li jikkonforma mal-Artikolu 14.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Fi Franza, it-trasportaturi u l-persunal tagħhom għandhom il-kompetenzi meħtieġa fil-qafas taċ-ċertifikat ta' kompetenza għat-trasport ta' annimali ħajjin li jinħareġ minn korp awtorizzat għall-forniment tat-taħriġ. B'hekk huma perfettament adattati biex jipprattikaw l-attività tagħhom ta' trasportaturi jew attendenti tal-annimali u ma għandhomx ikunu meħtieġa jiksbu xi approvazzjoni jew awtorizzazzjoni supplimentari.

Emenda 796
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' organizzatur għal vjaġġi twal	***Awtorizzazzjoni tal-organizzaturi*** għal vjaġġi twal

Or. es

Emenda 797
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-organizzatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport ta' annimali għal vjaġġi twal lill-awtorità kompetenti ***fi TRACES*** billi juża l-formola fit-Taqsima 1 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandha tispeċifika jekk l-organizzatur għandux l-intenzjoni li jorganizza t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jew le.	2. L-organizzatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport ta' annimali għal vjaġġi twal lill-awtorità kompetenti billi juża l-formola fit-Taqsima 1 tal-Anness V***, skont il-proċedura amministrattiva tal-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni***. L-applikazzjoni għandha tispeċifika jekk l-organizzatur għandux l-intenzjoni li jorganizza t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jew le. ***L-awtorità kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni u tirreġistraha fi TRACES u, f'każ ta' rifjut, ir-raġunijiet għar-rifjut.***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-proċedura amministrattiva għandha tkun konformi ma' dik stabbilita fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni, u ladarba tiġi pproċessata l-awtorizzazzjoni, it-tiġdid, is-sospensjoni jew ir-revoka, għandha tiġi reġistrata fi TRACES.

Emenda 798
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-organizzatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport ta' annimali għal vjaġġi twal lill-awtorità kompetenti ***fi TRACES*** billi juża l-formola fit-Taqsima 1 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandha tispeċifika jekk l-organizzatur għandux l-intenzjoni li	2. L-organizzatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport ta' annimali għal vjaġġi twal ***jew vjaġġi qosra għat-trasport bl-ajru u għall-fini ta' esportazzjoni,*** lill-awtorità kompetenti billi juża l-formola fit-Taqsima 1 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandha

jorganizza t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jew le.

tispeċifika jekk l-organizzatur għandux l-intenzjoni li jorganizza t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jew le.

Or. en

Emenda 799
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-organizzatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport ta' annimali għal vjaġġi twal lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola fit-Taqsima 1 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandha tispeċifika jekk l-organizzatur għandux l-intenzjoni li jorganizza t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jew le.	2. L-organizzatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport ta' annimali għal vjaġġi twal lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola fit-Taqsima 1 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandha tispeċifika jekk l-organizzatur għandux l-intenzjoni li jorganizza t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jew le. ***F'każ li l-organizzatur ikollu l-ħsieb li jorganizza t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi, il-post maħsub u l-pajjiżi tad-destinazzjoni se jiġu speċifikati fl-applikazzjoni.***

Or. en

Emenda 800
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-organizzatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport ta' annimali għal vjaġġi twal lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola fit-Taqsima 1 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandha tispeċifika jekk l-organizzatur għandux l-intenzjoni li	2. L-organizzatur ***ta' vjaġġ transfruntier*** għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport ta' annimali għal vjaġġi twal lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola fit-Taqsima 1 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandha tispeċifika jekk l-

jorganizza t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jew le.	organizzatur għandux l-intenzjoni li jorganizza t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi jew le. ***Għal vjaġġi oħra, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

The compulsory use of the TRACES electronic registration system and all its requirements even for short domestic journeys at this stage seems a disproportionate administrative burden, especially for small local operators. Most slaughterhouses already have digital systems in place that are used for logging journeys, and they would all have to communicate with TRACES directly to make this work. We suggest that if TRACES is to be used for logging journeys, it should be mandatory only for cross-border transport, according the rules of the Animal Health Law.In addition, impact assessment analysis only covers transports between Member States registered in TRACES, thus excluding all intra-national transports of animals.

Emenda 801
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-organizzaturi għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni ma' mhux aktar minn ***awtorita*** kompetenti waħda, f'mhux aktar minn Stat Membru wieħed.	3. L-organizzaturi għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni ma' mhux aktar minn ***awtorità*** kompetenti waħda, f'mhux aktar minn Stat Membru wieħed***, fil-pajjiż ta' oriġini tal-organizzatur jew l-annimali li għandhom jiġu ttrasportati***.

Or. en

Emenda 802
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-organizzatur ikollu ***l-kapaċità li***	(b) l-organizzatur ikollu ***s-sistemi tal-***

jikkonforma mal-Artikolu 14.	***ġestjoni tar-riskju, jipprovdi t-taħriġ lill-persunal biex jiżgura konformità kontinwa*** mal-Artikolu 14 ***u jkompli l-protezzjoni tal-annimali minn fatturi li jikkawżaw it-tbatija***.

Or. el

Emenda 803
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-organizzatur ikollu l-kapaċità li jikkonforma mal-Artikolu 14.	(b) l-organizzatur ikollu ***l-kompetenza professjonali u*** l-kapaċità li jikkonforma mal-Artikolu 14.

Or. en

Emenda 804
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-organizzatur ikollu l-kapaċità li jikkonforma mal-Artikolu 14.	(b) l-organizzatur ikollu ***l-kompetenza professjonali u*** l-kapaċità li jikkonforma mal-Artikolu 14.

Or. en

Emenda 805
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-organizzatur ikollu l-kapaċità li jikkonforma mal-Artikolu 14.	(b) l-organizzatur ikollu ***l-kompetenza professjonali u*** l-kapaċità li jikkonforma mal-Artikolu 14.

Or. en

Emenda 806
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-organizzatur ikollu l-kapaċità li jikkonforma mal-Artikolu 14.	(b) l-organizzatur ikollu ***l-kompetenza professjonali u*** l-kapaċità li jikkonforma mal-Artikolu 14.

Or. en

Emenda 807
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) la l-organizzatur u lanqas ir-rappreżentanti tiegħu fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni ma jkunu wettqu ksur serju kif previst fl-Artikolu 44 fil-5 snin ta' qabel id-data tal-applikazzjoni.* ***Għall-finijiet tal-punt (ba), jekk l-organizzatur jew ir-rappreżentanti tiegħu jkun wettaq ksur serju matul dak il-perjodu, għandu juri għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li jkun ħa l-miżuri

neċessarji kollha biex jevita ksur ulterjuri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tiżgura rekwiżiti ekwivalenti għat-trasportaturi fl-Artikolu 7.

Emenda 808
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-organizzaturi ma għandhom l-ebda rekord ta' ksur serju tal-leġiżlazzjoni tal-UE u/jew tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-5 snin ta' qabel id-data tal-applikazzjoni. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika meta l-applikant juri għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li ħa kull miżura meħtieġa biex jevita ksur ulterjuri.

Or. en

Emenda 809
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-organizzatur ma għandu l-ebda rekord ta' ksur serju tal-leġiżlazzjoni tal-UE u/jew tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-5 snin ta' qabel id-data tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 810
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-organizzatur ma għandu l-ebda rekord ta' ksur tal-leġiżlazzjoni tal-UE u/jew tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-annimali qabel id-data tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 811
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 5 ***fi TRACES*** billi tuża l-formola fit-Taqsima 1 tal-Anness V, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4).	1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 5 billi tuża l-formola fit-Taqsima 1 tal-Anness V, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4).

Or. en

Emenda 812
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 5 fi TRACES billi tuża l-formola fit-Taqsima 1 tal-Anness V, dment li jiġu	1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 5 ***u tirreġistraha*** fi TRACES billi tuża l-formola fit-Taqsima 1 tal-Anness V,

ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4).	dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4).

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-proċedura amministrattiva għandha tkun konformi ma' dik stabbilita fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni, u ladarba tiġi proċessata l-awtorizzazzjoni, it-tiġdid, is-sospensjoni jew ir-revoka, għandha tiġi reġistrata fi TRACES.

Emenda 813
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorizzazzjoni prevista fil-paragrafu 1 għandha tispeċifika l-ispeċi u l-kategoriji ta' annimali u t-tip(i) ta' trasport kopert(i) u jekk din tkoprix it-trasport ta' annimali lejn pajjiżi terzi jew le.	L-awtorizzazzjoni prevista fil-paragrafu 1 għandha tispeċifika l-ispeċi u l-kategoriji ta' annimali u t-tip(i) ta' trasport kopert(i) u jekk din tkoprix it-trasport ta' annimali lejn pajjiżi terzi jew le. ***F'każ li l-organizzatur ikollu l-ħsieb li jorganizza t-trasport tal-annimali lejn pajjiżi terzi, il-post maħsub u l-pajjiżi tad-destinazzjoni se jiġu speċifikati fl-applikazzjoni.***

Or. en

Emenda 814
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5 snin*** mid-data tal-ħruġ.	L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***18-il xahar*** mid-data tal-ħruġ.

Or. en

Emenda 815
Milan Mazurek

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***10*** snin mid-data tal-ħruġ.

Or. sk

Emenda 816
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***10*** snin mid-data tal-ħruġ.

Or. en

Emenda 817
Philippe Olivier, Valérie Deloge, Julien Leonardelli, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***10*** snin mid-data tal-ħruġ.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi llimitat il-piż amministrattiv fil-qasam fejn il-ġestjoni hija ċara u magħrufa, huwa ppreferut li l-perjodu tal-validità tal-awtorizzazzjoni mogħtija lill-organizzatur jiġi estiż sa 10 snin.

Emenda 818
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5 snin*** mid-data tal-ħruġ.	L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***sentejn*** mid-data tal-ħruġ.

Or. en

Emenda 819
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***7*** snin mid-data tal-ħruġ.

Or. en

Emenda 820
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***7*** snin mid-data tal-ħruġ.

Or. en

Emenda 821
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Xahar*** qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni, l-organizzatur jista' japplika għal tiġdid ***fi TRACES***. Applikazzjoni għat-tiġdid għandha tinkludi evidenza li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4) huma ssodisfati, iċ-ċertifikat prevista fl-Artikolu 33 meta rilevanti, u analiżi dokumentata tal-monitoraġġ tal-indikaturi għall-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni preċedenti u, meta xieraq, evidenza dokumentata tal-miżuri stabbiliti jekk il-valuri li jikkwantifikaw l-indikaturi jaqbżu l-limiti previsti fl-Artikolu 26(3). L-awtorità kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal tiġdid u tirreġistra t-tiġdid jew ir-rifjut ***fi TRACES*** u, f'każ ta' rifjut, ir-raġunijiet għalih.	3. ***Tal-inqas xahrejn*** qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni, l-organizzatur jista' japplika għal tiġdid. Applikazzjoni għat-tiġdid għandha tinkludi evidenza li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4) huma ssodisfati, iċ-ċertifikat prevista fl-Artikolu 33 meta rilevanti, u analiżi dokumentata tal-monitoraġġ tal-indikaturi għall-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni preċedenti u, meta xieraq, evidenza dokumentata tal-miżuri stabbiliti jekk il-valuri li jikkwantifikaw l-indikaturi jaqbżu l-limiti previsti fl-Artikolu 26(3). L-awtorità kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal tiġdid u tirreġistra t-tiġdid jew ir-rifjut u, f'każ ta' rifjut, ir-raġunijiet għalih.

Or. en

Emenda 822
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. Xahar qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni, l-organizzatur jista' japplika għal tiġdid ***fi TRACES.*** Applikazzjoni għat-tiġdid għandha tinkludi evidenza li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4) huma ssodisfati, iċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 33 meta rilevanti, u analiżi dokumentata tal-monitoraġġ tal-indikaturi għall-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni preċedenti u, meta xieraq, evidenza dokumentata tal-miżuri stabbiliti jekk il-valuri li jikkwantifikaw l-indikaturi jaqbżu l-limiti previsti fl-Artikolu 26(3). L-awtorità kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal tiġdid u tirreġistra t-tiġdid jew ir-rifjut fi TRACES u, f'każ ta' rifjut, ir-raġunijiet għar-rifjut.	3. Xahar qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni, l-organizzatur jista' japplika għal tiġdid. Applikazzjoni għat-tiġdid għandha tinkludi evidenza li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4) huma ssodisfati, iċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 33 meta rilevanti, u analiżi dokumentata tal-monitoraġġ tal-indikaturi għall-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni preċedenti u, meta xieraq, evidenza dokumentata tal-miżuri stabbiliti jekk il-valuri li jikkwantifikaw l-indikaturi jaqbżu l-limiti previsti fl-Artikolu 26(3). L-awtorità kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal tiġdid u tirreġistra t-tiġdid jew ir-rifjut fi TRACES u, f'każ ta' rifjut, ir-raġunijiet għar-rifjut.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-proċedura amministrattiva għandha tkun konformi ma' dik stabbilita fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni, u ladarba tiġi proċessata l-awtorizzazzjoni, it-tiġdid, is-sospensjoni jew ir-revoka, għandha tiġi reġistrata fi TRACES.

Emenda 823
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Xahar qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni, l-organizzatur jista' japplika għal tiġdid fi TRACES. Applikazzjoni għat-tiġdid għandha tinkludi evidenza li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4) huma ssodisfati, iċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 33 ***meta rilevanti, u*** analiżi dokumentata tal-monitoraġġ tal-indikaturi għall-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni preċedenti u, meta xieraq, evidenza dokumentata tal-miżuri stabbiliti jekk il-valuri li jikkwantifikaw l-indikaturi jaqbżu l-limiti previsti fl-Artikolu 26(3). L-	3. Xahar qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni, l-organizzatur jista' japplika għal tiġdid fi TRACES. Applikazzjoni għat-tiġdid għandha tinkludi evidenza li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4) huma ssodisfati, iċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 33 ***fil-każ li l-organizzatur ikollu l-ħsieb li jorganizza t-trasport ta' annimali lejn pajjiżi terzi,*** analiżi dokumentata tal-monitoraġġ tal-indikaturi għall-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni preċedenti u, meta xieraq, evidenza dokumentata tal-miżuri stabbiliti

awtorità kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal tiġdid u tirreġistra t-tiġdid jew ir-rifjut fi TRACES u, f'każ ta' rifjut, ir-raġunijiet għalih.	jekk il-valuri li jikkwantifikaw l-indikaturi jaqbżu l-limiti previsti fl-Artikolu 26(3). L-awtorità kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal tiġdid u tirreġistra t-tiġdid jew ir-rifjut fi TRACES u, f'każ ta' rifjut, ir-raġunijiet għalih.

Or. en

Emenda 824
Milan Mazurek

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Xahar qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni, l-organizzatur jista' japplika għal tiġdid fi TRACES. Applikazzjoni għat-tiġdid għandha tinkludi evidenza li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4) huma ssodisfati, iċ-ċertifikat prevista fl-Artikolu 33 meta rilevanti, u analiżi dokumentata tal-monitoraġġ tal-indikaturi għall-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni preċedenti u, meta xieraq, evidenza dokumentata tal-miżuri stabbiliti jekk il-valuri li jikkwantifikaw l-indikaturi jaqbżu l-limiti previsti fl-Artikolu 26(3). L-awtorità kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal tiġdid u tirreġistra t-tiġdid jew ir-rifjut fi TRACES u, f'każ ta' rifjut, ir-raġunijiet għalih.	3. Xahar qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni, l-organizzatur jista' japplika għal tiġdid fi TRACES. Applikazzjoni għat-tiġdid għandha tinkludi evidenza li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4) huma ssodisfati, iċ-ċertifikat prevista fl-Artikolu 33 meta rilevanti, u analiżi dokumentata tal-monitoraġġ tal-indikaturi għall-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni preċedenti u, meta xieraq, evidenza dokumentata tal-miżuri stabbiliti jekk il-valuri li jikkwantifikaw l-indikaturi jaqbżu l-limiti previsti fl-Artikolu 26(3). L-awtorità kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal tiġdid u tirreġistra t-tiġdid jew ir-rifjut fi TRACES u, f'każ ta' rifjut, ir-raġunijiet għalih. ***Il-benefiċjarji għandhom id-dritt li jkollhom ir-rifjut rieżaminat minn awtorità indipendenti tal-Istat Membru.***

Or. sk

Emenda 825
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Xahar qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni, l-organizzatur jista' japplika għal tiġdid fi TRACES. Applikazzjoni għat-tiġdid għandha tinkludi evidenza li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4) huma ssodisfati, iċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 33 meta rilevanti, u analiżi dokumentata tal-monitoraġġ tal-indikaturi għall-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni preċedenti u, meta xieraq, evidenza dokumentata tal-miżuri stabbiliti jekk il-valuri li jikkwantifikaw l-indikaturi jaqbżu l-limiti previsti fl-Artikolu 26(3). L-awtorità kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal tiġdid u tirreġistra t-tiġdid jew ir-rifjut fi TRACES u, f'każ ta' rifjut, ir-raġunijiet għalih.	3. ***Tal-inqas*** xahar qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni, l-organizzatur jista' japplika għal tiġdid fi TRACES. Applikazzjoni għat-tiġdid għandha tinkludi evidenza li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4) huma ssodisfati, iċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 33 meta rilevanti, u analiżi dokumentata tal-monitoraġġ tal-indikaturi għall-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni preċedenti u, meta xieraq, evidenza dokumentata tal-miżuri stabbiliti jekk il-valuri li jikkwantifikaw l-indikaturi jaqbżu l-limiti previsti fl-Artikolu 26(3). L-awtorità kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal tiġdid u tirreġistra t-tiġdid jew ir-rifjut fi TRACES u, f'każ ta' rifjut, ir-raġunijiet għalih.

Or. en

Emenda 826
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Xahar qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni, l-organizzatur jista' japplika għal tiġdid fi TRACES. Applikazzjoni għat-tiġdid għandha tinkludi evidenza li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4) huma ssodisfati, iċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 33 meta rilevanti, u analiżi dokumentata tal-monitoraġġ tal-indikaturi għall-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni preċedenti u, meta xieraq, evidenza dokumentata tal-miżuri stabbiliti jekk il-valuri li jikkwantifikaw l-indikaturi	3. ***Tal-inqas*** xahar qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni, l-organizzatur jista' japplika għal tiġdid fi TRACES. Applikazzjoni għat-tiġdid għandha tinkludi evidenza li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(4) huma ssodisfati, iċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 33 meta rilevanti, u analiżi dokumentata tal-monitoraġġ tal-indikaturi għall-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni preċedenti u, meta xieraq, evidenza dokumentata tal-miżuri stabbiliti jekk il-valuri li jikkwantifikaw l-indikaturi

jaqbżu l-limiti previsti fl-Artikolu 26(3). L-awtorità kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal tiġdid u tirreġistra t-tiġdid jew ir-rifjut fi TRACES u, f'każ ta' rifjut, ir-raġunijiet għalih.	jaqbżu l-limiti previsti fl-Artikolu 26(3). L-awtorità kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal tiġdid u tirreġistra t-tiġdid jew ir-rifjut fi TRACES u, f'każ ta' rifjut, ir-raġunijiet għalih.

Or. en

Emenda 827
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk l-organizzatur ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(4) jew fl-Artikolu 33(6), l-awtorità kompetenti għandha tordna s-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2017/625 u għandha tirreġistra s-sospensjoni fi TRACES mingħajr dewmien. ***Meta rilevanti,*** l-awtorità kompetenti għandha tissospendi ***l-parti*** tal-awtorizzazzjoni li tkopri t-trasport lejn pajjiż terz.	Jekk l-organizzatur ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(4) jew fl-Artikolu 33(6), l-awtorità kompetenti għandha tordna s-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2017/625 u għandha tirreġistra s-sospensjoni fi TRACES mingħajr dewmien. L-awtorità kompetenti għandha tissospendi ***wkoll il-parti*** tal-awtorizzazzjoni li tkopri t-trasport ***maħsub*** lejn pajjiż terz.

Or. en

Emenda 828
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk l-organizzatur ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(4) jew fl-Artikolu 33(6), l-awtorità kompetenti għandha tordna s-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE)	Jekk l-organizzatur ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5(4) jew fl-Artikolu 33(6), l-awtorità kompetenti għandha tordna s-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE)

2017/625 u għandha tirreġistra s-sospensjoni ***fi TRACES*** mingħajr dewmien. Meta rilevanti, l-awtorità kompetenti għandha tissospendi l-parti tal-awtorizzazzjoni li tkopri t-trasport lejn pajjiż terz.	2017/625 u għandha tirreġistra s-sospensjoni mingħajr dewmien. Meta rilevanti, l-awtorità kompetenti għandha tissospendi l-parti tal-awtorizzazzjoni li tkopri t-trasport lejn pajjiż terz.

Or. en

Emenda 829
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti ***għandha*** tneħħi s-sospensjoni jekk l-organizzatur jipprovdi evidenza li jkun ikkoreġa n-nuqqasijiet li fuqhom tkun ibbażata s-sospensjoni tal-applikazzjoni tiegħu.	L-awtorità kompetenti ***tista' tikkunsidra li*** tneħħi s-sospensjoni jekk l-organizzatur jipprovdi evidenza li jkun ikkoreġa n-nuqqasijiet li fuqhom tkun ibbażata s-sospensjoni tal-applikazzjoni tiegħu.

Or. en

Emenda 830
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għat-trasport fl-Unjoni, jekk l-organizzatur ma jkunx irrimedja n-nuqqasijiet fi żmien xahar mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 831
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għat-trasport fl-Unjoni, jekk l-organizzatur ma jkunx irrimedja n-nuqqasijiet fi żmien xahar mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 832
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għat-trasport fl-Unjoni, jekk l-organizzatur ma jkunx irrimedja n-nuqqasijiet fi żmien xahar mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.	Għat-trasport ***kemm*** fl-Unjoni ***kif ukoll lejn pajjiż terz***, jekk l-organizzatur ma jkunx irrimedja n-nuqqasijiet fi żmien xahar mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni ***mingħajr dewmien***.

Or. en

Emenda 833
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għat-trasport fl-Unjoni, jekk l-organizzatur	Għat-trasport fl-Unjoni ***u lejn pajjiż terz***,

ma jkunx irrimedja n-nuqqasijiet fi żmien xahar mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.	jekk l-organizzatur ma jkunx irrimedja n-nuqqasijiet fi żmien xahar mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.

Or. en

Emenda 834
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għat-trasport fl-Unjoni, jekk l-organizzatur ma jkunx irrimedja n-nuqqasijiet fi żmien ***xahar*** mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.	Għat-trasport fl-Unjoni, jekk l-organizzatur ma jkunx irrimedja n-nuqqasijiet fi żmien ***raġonevoli*** fi żmien xahar mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.

Or. en

Emenda 835
Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għat-trasport fl-Unjoni, jekk l-organizzatur ma jkunx irrimedja n-nuqqasijiet fi żmien ***xahar*** mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.	Għat-trasport fl-Unjoni, jekk l-organizzatur ma jkunx irrimedja n-nuqqasijiet fi żmien ***6 xhur*** mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.

Or. ro

Emenda 836
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għat-trasport lejn pajjiż terz, jekk l-organizzatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien 3 xhur mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 837
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għat-trasport lejn pajjiż terz, jekk l-organizzatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien 3 xhur mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 838
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għat-trasport lejn pajjiż terz, jekk l-organizzatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien 3 xhur mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 839
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għat-trasport lejn pajjiż terz, jekk l-organizzatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien 3 xhur mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 840
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għat-trasport lejn pajjiż terz, jekk l-organizzatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien 3 xhur mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 841
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għat-trasport lejn pajjiż terz, jekk l-	Għat-trasport lejn pajjiż terz, jekk l-

organizzatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien ***3 xhur mis-sospensjoni***, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.	organizzatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien ***raġonevoli***, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.

Or. en

Emenda 842
Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għat-trasport lejn pajjiż terz, jekk l-organizzatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien ***3*** xhur mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.	Għat-trasport lejn pajjiż terz, jekk l-organizzatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien ***6*** xhur mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.

Or. ro

Emenda 843
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Artikolu 6 - paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Għat-trasport fl-istess Stat Membru, għandhom japplikaw ir-regoli nazzjonali dwar l-awtorizzazzjonijiet tat-trasport u l-użu ta' TRACES ma għandux ikun obbligatorju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu obbligatorju tas-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika TRACES u r-rekwiżiti kollha tagħha anke għal vjaġġi domestiċi qosra f'dan l-istadju jidher piż amministrattiv sproporzjonat, speċjalment għall-operaturi lokali żgħar. Il-biċċa l-kbira tal-biċċeriji diġà għandhom sistemi diġitali installati li jintużaw għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, u kollha

jkollhom jikkomunikaw ma' TRACES direttament biex jagħmlu dan ix-xogħol. Nissuġġerixxu li jekk TRACES għandha tintuża għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, din għandha tkun obbligatorja biss għat-trasport transfruntier, skont ir-regoli tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali.

Emenda 844
Philippe Olivier, Valérie Deloge, Julien Leonardelli, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 7	***imħassar***
Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' trasportatur għal vjaġġi qosra	
1. It-trasportaturi jistgħu jittrasportaw annimali biss għal vjaġġi qosra jekk ikollhom:	
(a) awtorizzazzjoni għal vjaġġi qosra mogħtija f'konformità mal-Artikolu 9(1) għall-ispeċi u għall-kategoriji kkonċernati; jew	
(b) awtorizzazzjoni għal vjaġġi twal mogħtija f'konformità mal-Artikolu 9(1) għall-ispeċi u għall-kategoriji kkonċernati.	
2.	
It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport tal-annimali għal vjaġġi qosra lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola fit-Taqsima 2 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandu jkun fiha evidenza li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:	
(a) it-trasportatur ikun stabbilit, jew, fil-każ ta' trasportatur stabbilit f'pajjiż terz, ikun irrappreżentat, fl-Istat Membru tal-awtorità kompetenti rispettiva;	
(b) it-trasportatur ikollu persunal u tagħmir suffiċjenti u xierqa u jkollu struzzjonijiet bil-miktub għall-persunal fir-rigward tat-tisqija, tat-tmigħ u tal-kura tal-annimali u proċeduri operazzjonali	

fis-seħħ sabiex il-persunal tiegħu jkun jista' jikkonforma ma' dan ir-Regolament;

(c) is-sewwieqa u l-attendenti impjegati minn jew li jipprovdu servizzi lit-trasportatur segwew il-korsijiet ta' taħriġ rilevanti u għandhom ċertifikati ta' kompetenza kif previst fl-Artikolu 38;

(d) la t-trasportatur u lanqas ir-rappreżentanti tiegħu fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni ma jkunu wettqu ksur serju kif previst fl-Artikolu 44 fil-5 snin ta' qabel id-data tal-applikazzjoni.

Għall-finijiet tal-punt (d), jekk it-trasportatur jew ir-rappreżentanti tiegħu jkun wettaq ksur serju matul dak il-perjodu, huwa għandu juri għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li jkun ħa l-miżuri neċessarji kollha sabiex jevita aktar ksur.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Bħal għall-Artikolu 5 - il-paragrafi 1, 2, 3 u 4: fi Franza, it-trasportaturi u l-persunal tagħhom għandhom il-kompetenzi meħtieġa fil-qafas taċ-ċertifikat ta' kompetenza għat-trasport ta' annimali ħajjin li jinħareġ minn korp awtorizzat għall-forniment tat-taħriġ. B'hekk huma perfettament adattati biex jipprattikaw l-attività tagħhom ta' trasportaturi jew attendenti tal-annimali u ma għandhomx ikunu meħtieġa jiksbu xi approvazzjoni jew awtorizzazzjoni supplimentari.

Emenda 845
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 7 - paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-operaturi li kultant jittrasportaw annimali akkwatiċi għall-bejgħ sussegwenti lill-konsumatur finali fil-bini

	tagħhom, bħala suppliment għall-attività ekonomika ewlenija tagħhom, għandhom ikunu eżentati milli japplikaw għall-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 846
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għat-trasport ta' klieb u qtates fl-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 847
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport tal-annimali għal vjaġġi qosra lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola fit-Taqsima 2 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandu jkun fiha evidenza li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:	***imħassar***
(a) it-trasportatur ikun stabbilit, jew, fil-każ ta' trasportatur stabbilit f'pajjiż terz, ikun irrappreżentat, fl-Istat Membru tal-	

awtorità kompetenti rispettiva;

(b) it-trasportatur ikollu persunal u tagħmir suffiċjenti u xierqa u jkollu struzzjonijiet bil-miktub għall-persunal fir-rigward tat-tisqija, tat-tmigħ u tal-kura tal-annimali u proċeduri operazzjonali fis-seħħ sabiex il-persunal tiegħu jkun jista' jikkonforma ma' dan ir-Regolament;

(c) is-sewwieqa u l-attendenti impjegati minn jew li jipprovdu servizzi lit-trasportatur segwew il-korsijiet ta' taħriġ rilevanti u għandhom ċertifikati ta' kompetenza kif previst fl-Artikolu 38;

(d) la t-trasportatur u lanqas ir-rappreżentanti tiegħu fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni ma jkunu wettqu ksur serju kif previst fl-Artikolu 44 fil-5 snin ta' qabel id-data tal-applikazzjoni.

Għall-finijiet tal-punt (d), jekk it-trasportatur jew ir-rappreżentanti tiegħu jkun wettaq ksur serju matul dak il-perjodu, huwa għandu juri għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li jkun ħa l-miżuri neċessarji kollha sabiex jevita aktar ksur.

Or. en

Emenda 848
Nina Carberry

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport tal-annimali għal vjaġġi qosra lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola fit-Taqsima 2 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandu jkun fiha evidenza li l-	***imħassar***

kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:

(a) it-trasportatur ikun stabbilit, jew, fil-każ ta' trasportatur stabbilit f'pajjiż terz, ikun irrappreżentat, fl-Istat Membru tal-awtorità kompetenti rispettiva;

(b) it-trasportatur ikollu persunal u tagħmir suffiċjenti u xierqa u jkollu struzzjonijiet bil-miktub għall-persunal fir-rigward tat-tisqija, tat-tmigħ u tal-kura tal-annimali u proċeduri operazzjonali fis-seħħ sabiex il-persunal tiegħu jkun jista' jikkonforma ma' dan ir-Regolament;

(c) is-sewwieqa u l-attendenti impjegati minn jew li jipprovdu servizzi lit-trasportatur segwew il-korsijiet ta' taħriġ rilevanti u għandhom ċertifikati ta' kompetenza kif previst fl-Artikolu 38;

(d) la t-trasportatur u lanqas ir-rappreżentanti tiegħu fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni ma jkunu wettqu ksur serju kif previst fl-Artikolu 44 fil-5 snin ta' qabel id-data tal-applikazzjoni.

Għall-finijiet tal-punt (d), jekk it-trasportatur jew ir-rappreżentanti tiegħu jkun wettaq ksur serju matul dak il-perjodu, huwa għandu juri għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li jkun ħa l-miżuri neċessarji kollha sabiex jevita aktar ksur.

Or. en

Emenda 849
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport tal-annimali għal vjaġġi qosra lill-	It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport tal-annimali għal vjaġġi qosra lill-

awtorità kompetenti ***fi TRACES*** billi juża l-formola fit-Taqsima 2 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandu jkun fiha evidenza li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:	awtorità kompetenti billi juża l-formola fit-Taqsima 2 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandu jkun fiha evidenza li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-proċedura amministrattiva għandha tkun konformi ma' dik stabbilita fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni, u ladarba tiġi proċessata l-awtorizzazzjoni, it-tiġdid, is-sospensjoni jew ir-revoka, għandha tiġi reġistrata fi TRACES.

Emenda 850
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport tal-annimali għal vjaġġi qosra lill-awtorità kompetenti ***fi TRACES*** billi juża l-formola fit-Taqsima 2 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandu jkun fiha evidenza li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:	It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport tal-annimali għal vjaġġi qosra lill-awtorità kompetenti billi juża l-formola fit-Taqsima 2 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandu jkun fiha evidenza li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-trasportatur huwa (skont il-leġiżlazzjoni attwali) diġà meħtieġ jipprovdi prova tal-kwalifiki tiegħu għat-trasport tal-annimali u japplika għall-awtorizzazzjoni bħala kumpanija tat-trasport mal-awtorità kompetenti. Din is-sistema stabbilita sew għandha tinżamm kif inhi. Barra minn hekk, mhux il-bdiewa kollha għandhom ħiliet diġitali, u s-sistema TRACES attwali hija kumplessa wisq u jeħtieġ li tiġi ssimplifikata.

Emenda 851
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport tal-annimali għal vjaġġi qosra lill-awtorità kompetenti ***fi TRACES*** billi juża l-formola fit-Taqsima 2 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandu jkun fiha evidenza li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:	It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport tal-annimali għal vjaġġi qosra lill-awtorità kompetenti billi juża l-formola fit-Taqsima 2 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandu jkun fiha evidenza li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:

Or. en

Emenda 852
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trasportatur ikollu persunal u tagħmir suffiċjenti u xierqa u jkollu struzzjonijiet bil-miktub għall-persunal ***fir-rigward tat-tisqija, tat-tmigħ u tal-kura tal-annimali u proċeduri operazzjonali fis-seħħ sabiex il-persunal tiegħu jkun jista' jikkonforma*** ma' dan ir-Regolament;	(b) it-trasportatur ikollu persunal u tagħmir suffiċjenti u xierqa u jkollu struzzjonijiet bil-miktub għall-persunal ***sabiex jiżgura l-konformità*** ma' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 853
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trasportatur ikollu persunal u tagħmir suffiċjenti u xierqa u jkollu struzzjonijiet bil-miktub għall-persunal fir-rigward tat-tisqija, tat-tmigħ u tal-kura tal-annimali u proċeduri operazzjonali fis-seħħ sabiex il-persunal tiegħu jkun jista'	(b) it-trasportatur ikollu persunal u tagħmir suffiċjenti u xierqa u jkollu struzzjonijiet bil-miktub għall-persunal***, li jiġu spezzjonati kull sena mill-awtorità kompetenti,*** fir-rigward tat-tisqija, tat-tmigħ u tal-kura tal-annimali u proċeduri

jikkonforma ma' dan ir-Regolament;	operazzjonali fis-seħħ sabiex il-persunal tiegħu jkun jista' jikkonforma ma' dan ir-Regolament;

Or. el

Emenda 854
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trasportatur ikollu persunal u tagħmir suffiċjenti u xierqa u jkollu struzzjonijiet bil-miktub għall-persunal fir-rigward tat-tisqija, tat-tmigħ u tal-kura tal-annimali u proċeduri operazzjonali fis-seħħ sabiex il-persunal tiegħu jkun jista' jikkonforma ma' dan ir-Regolament;	(b) it-trasportatur ikollu persunal ***edukat*** u tagħmir ***approvat*** suffiċjenti u xierqa u jkollu struzzjonijiet bil-miktub ***speċifiċi għall-ispeċi*** għall-persunal fir-rigward tat-tisqija, tat-tmigħ***, tat-temperatura*** u tal-kura tal-annimali u proċeduri operazzjonali fis-seħħ sabiex il-persunal tiegħu jkun jista' jikkonforma ma' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 855
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-trasportatur ikollu persunal u tagħmir suffiċjenti u ***xierqa*** u jkollu struzzjonijiet bil-miktub għall-persunal fir-rigward tat-tisqija, tat-tmigħ u tal-kura tal-annimali u proċeduri operazzjonali fis-seħħ sabiex il-persunal tiegħu jkun jista' jikkonforma ma' dan ir-Regolament;	(b) it-trasportatur ikollu persunal ***imħarreġ b'mod xieraq*** u tagħmir suffiċjenti u ***xieraq*** u jkollu struzzjonijiet bil-miktub għall-persunal fir-rigward tat-tisqija, tat-tmigħ u tal-kura tal-annimali u proċeduri operazzjonali fis-seħħ sabiex il-persunal tiegħu jkun jista' jikkonforma ma' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 856
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-sewwieqa ***u l-attendenti*** impjegati minn jew li jipprovdu servizzi lit-trasportatur segwew il-korsijiet ta' taħriġ rilevanti u għandhom ċertifikati ta' kompetenza kif previst fl-Artikolu 38;	(c) is-sewwieqa u ***t-tekniċi kkwalifikati tal-annimali*** impjegati minn jew li jipprovdu servizzi lit-trasportatur segwew il-korsijiet ta' taħriġ rilevanti u għandhom ċertifikati ta' kompetenza kif previst fl-Artikolu 38;

Or. en

Emenda 857
Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-sewwieqa ***u l-attendenti*** impjegati minn jew li jipprovdu servizzi lit-trasportatur segwew il-korsijiet ta' taħriġ rilevanti u għandhom ċertifikati ta' kompetenza kif previst fl-Artikolu 38;	(c) is-sewwieqa ***bħala tekniċi kkwalifikati tal-annimali*** impjegati minn jew li jipprovdu servizzi lit-trasportatur segwew il-korsijiet ta' taħriġ rilevanti u għandhom ċertifikati ta' kompetenza kif previst fl-Artikolu 38;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jagħti ċarezza akbar li s-sewwieq huwa sewwieq kwalifikat.

Emenda 858
Céline Imart

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) la t-trasportatur u lanqas ir-rappreżentanti tiegħu fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni ma jkunu wettqu ksur serju kif prevista fl-Artikolu 44 fil-5 snin ta' qabel id-data tal-applikazzjoni.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 859
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) la t-trasportatur u lanqas ir-rappreżentanti tiegħu fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni ma jkunu wettqu ksur ***serju*** kif prevista fl-Artikolu 44 ***fil-5 snin ta'*** qabel id-data tal-applikazzjoni.	(d) la t-trasportatur u lanqas ir-rappreżentanti tiegħu fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni ma jkunu wettqu ksur kif prevista fl-Artikolu 44 ***fi kwalunkwe ħin*** qabel id-data tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 860
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) la t-trasportatur u lanqas ir-rappreżentanti tiegħu fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni ma jkunu wettqu ksur serju kif prevista fl-Artikolu 44 ***fil-5 snin*** ta' qabel id-data tal-applikazzjoni.	(d) la t-trasportatur u lanqas ir-rappreżentanti tiegħu fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni ma jkunu wettqu ksur serju kif prevista fl-Artikolu 44 ***fis-sena*** ta' qabel id-data tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 861
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) la t-trasportatur u lanqas ir-rappreżentanti tiegħu ***fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa*** l-applikazzjoni ma jkunu wettqu ksur serju kif previst fl-Artikolu 44 fil-5 snin ta' qabel id-data tal-applikazzjoni.	(d) la t-trasportatur u lanqas ir-rappreżentanti tiegħu ***li jissottomettu*** l-applikazzjoni ma jkunu wettqu ksur serju ***f'xi Stat Membru*** kif previst fl-Artikolu 44 fil-5 snin ta' qabel id-data tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 862
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) la t-trasportatur u lanqas ir-rappreżentanti tiegħu fl-Istat Membru, jew is-sewwieqa u l-attendenti impjegati mit-trasportatur, jew li jipprovdu servizzi lilu, li jkun qed jippreżenta l-applikazzjoni ma jkollhom rekords kriminali dwar kwalunkwe tip ta' ksur tal-benessri tal-annimali fil-5 snin ta' qabel id-data tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 863
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) it-trasportatur ikollu pjan ta' kontinġenza fil-każ ta' emerġenzi matul it-trasport maħsub.

Or. en

Emenda 864
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) pjan ta' kontinġenza fil-każ ta' emerġenzi matul it-trasport maħsub.

Or. en

Emenda 865
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) pjan ta' kontinġenza fil-każ ta' emerġenzi matul it-trasport maħsub.

Or. en

Emenda 866
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) it-trasportatur ikollu pjan ta' kontinġenza fil-każ ta' emerġenzi matul it-trasport maħsub.

Or. en

Emenda 867
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	pjan ta' kontinġenza fil-każ ta' emerġenzi matul it-trasport li jindirizza b'mod partikolari l-inċidenti, il-qtil ta' emerġenza u, meta jkun rilevanti, l-emerġenzi fil-fruntieri ta' pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 868
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (d), jekk it-trasportatur jew ir-rappreżentanti tiegħu jkun wettaq ksur serju matul dak il-perjodu, huwa għandu juri għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li jkun ħa l-miżuri neċessarji kollha sabiex jevita aktar ksur.	***imħassar***

Or. en

Emenda 869
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (d), jekk it-trasportatur jew ir-rappreżentanti tiegħu jkun wettaq ksur ***serju*** matul dak il-perjodu, huwa għandu juri għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li jkun ħa l-miżuri neċessarji kollha sabiex jevita aktar ksur.	Għall-finijiet tal-punt (d), jekk it-trasportatur jew ir-rappreżentanti tiegħu jkun wettaq ksur matul dak il-perjodu, huwa għandu juri għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li jkun ħa l-miżuri neċessarji kollha sabiex jevita aktar ksur.

Or. en

Emenda 870
Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (d), jekk it-trasportatur jew ir-rappreżentanti tiegħu jkun wettaq ksur serju matul dak il-perjodu, huwa għandu juri ***għas-sodisfazzjon*** tal-awtorità kompetenti li jkun ħa l-miżuri neċessarji kollha sabiex jevita aktar ksur.	Għall-finijiet tal-punt (d), jekk it-trasportatur jew ir-rappreżentanti tiegħu jkun wettaq ksur serju matul dak il-perjodu, huwa għandu juri ***b'mod xieraq, fuq talba*** tal-awtorità kompetenti li jkun ħa l-miżuri neċessarji kollha sabiex jevita aktar ksur.

Or. ro

Emenda 871
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sabiex tiġi żgurata l-preżentazzjoni

uniformi tal-pjanijiet ta' kontinġenza fil-każ ta' emerġenzi matul vjaġġi qosra previsti fil-punt (e), il-Kummissjoni għandha, sad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49 biex tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-kontenut tal-pjan ta' kontinġenza, għal tipi differenti ta' vjaġġi, u tistabbilixxi u taġġorna kif neċessarju l-mudelli tal-formoli standard għas-sottomissjoni ta' dawk il-pjanijiet ta' kontinġenza.

Or. en

Emenda 872
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sabiex tiġi żgurata l-preżentazzjoni uniformi tal-pjanijiet ta' kontinġenza fil-każ ta' emerġenzi matul vjaġġi qosra previsti fil-paragrafu (e), il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49 sabiex tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-kontenut tal-pjan ta' kontinġenza, għal tipi differenti ta' vjaġġi, u tistabbilixxi u taġġorna kif neċessarju l-mudelli tal-formoli standard għas-sottomissjoni ta' dawk il-pjanijiet ta' kontinġenza.

Or. en

Emenda 873
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-ebda trasportatur, inkluż kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun sottokuntrattat it-trasport tal-annimali għall-vjaġġ kollu jew parti mill-vjaġġ lil tal-inqas trasportatur wieħed ieħor, ma għandu jaġixxi bħala trasportatur sakemm ma jkollux awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità kompetenti kif definit fl-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) 2017/625.

Or. en

Emenda 874
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Sabiex tiġi żgurata l-preżentazzjoni uniformi tal-pjanijiet ta' kontinġenza fil-każ ta' emerġenzi matul vjaġġi twal previsti fil-paragrafu (e ġdid), il-punt (ii), il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49 sabiex tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-kontenut tal-pjan ta' kontinġenza, għal tipi differenti ta' vjaġġi, u tistabbilixxi u taġġorna kif neċessarju l-mudelli tal-formoli standard għas-sottomissjoni ta' dawk il-pjanijiet ta' kontinġenza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jimita r-rekwiżiti għall-pjanijiet ta' kontinġenza skont l-Artikolu 8 għal vjaġġi twal, li għandhom ikunu applikabbli wkoll għal vjaġġi qosra ppjanati.

Emenda 875
Philippe Olivier, Valérie Deloge, Julien Leonardelli, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 8	***imħassar***
Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' trasportatur għal vjaġġi twal	
1. It-trasportaturi jistgħu jittrasportaw annimali għal vjaġġi twal biss jekk ikollhom awtorizzazzjoni mogħtija f'konformità mal-Artikolu 9(1). Awtorizzazzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu validi wkoll għal vjaġġi qosra.	
2. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport ta' annimali għal vjaġġi twal lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola fit-Taqsima 3 tal-Anness V. It-trasportaturi għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni ma' mhux aktar minn awtorità kompetenti waħda, f'mhux aktar minn Stat Membru wieħed.	
3. L-applikazzjoni prevista fil-paragrafu 2 għandu jkun fiha evidenza li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:	
(a) it-trasportatur jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(2); u	
(b) it-trasportatur ikollu d-dokumenti li ġejjin:	
i. ċertifikati validi ta' approvazzjoni kif previst fl-Artikolu 12 jew 13 għall-mezzi tat-trasport li għandhom jintużaw mit-trasportatur għall-vjaġġ twil ikkonċernat;	
dokument li jistabbilixxi fid-dettall il-proċeduri li jippermettu lit-trasportatur jittraċċa u jirreġistra l-movimenti tal-vetturi u tal-bastimenti taħt ir-responsabbiltà tiegħu, u l-proċeduri sabiex jikkuntattja lis-sewwieqa kkonċernati fi kwalunkwe ħin matul	

vjaġġi twal;

iii. pjan ta' kontinġenza fil-każ ta' emerġenzi matul it-trasport maħsub.

4. Sabiex tiġi żgurata l-preżentazzjoni uniformi tal-pjanijiet ta' kontinġenza fil-każ ta' emerġenzi matul vjaġġi twal previsti fil-paragrafu (b), il-punt (iii), il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49 sabiex tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-kontenut tal-pjan ta' kontinġenza, għal tipi differenti ta' vjaġġi, u tistabbilixxi u taġġorna kif neċessarju l-mudelli tal-formoli standard għas-sottomissjoni ta' dawk il-pjanijiet ta' kontinġenza.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Bħal għall-Artikoli 5 u 7: fi Franza, it-trasportaturi u l-persunal tagħhom għandhom il-kompetenzi meħtieġa fil-qafas taċ-ċertifikat ta' kompetenza għat-trasport ta' annimali ħajjin li jinħareġ minn korp awtorizzat għall-forniment tat-taħriġ. B'hekk huma perfettament adattati biex jipprattikaw l-attività tagħhom ta' trasportaturi jew attendenti tal-annimali u ma għandhomx ikunu meħtieġa jiksbu xi approvazzjoni jew awtorizzazzjoni supplimentari.

Emenda 876
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport ta' annimali għal vjaġġi twal lill-awtorità kompetenti ***fi TRACES*** billi juża l-formola fit-Taqsima 3 tal-Anness V. It-trasportaturi għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni ma' mhux aktar minn awtorità kompetenti waħda, f'mhux aktar minn Stat Membru wieħed.	2. L-organizzatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport ta' annimali għal vjaġġi twal lill-awtorità kompetenti billi juża l-formola fit-Taqsima 3 tal-Anness V***, skont il-proċedura amministrattiva tal-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni***. It-trasportaturi għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni ma' mhux aktar minn awtorità kompetenti waħda, f'mhux aktar minn Stat Membru wieħed.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-proċedura amministrattiva għandha tkun konformi ma' dik stabbilita fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni, u ladarba tiġi proċessata l-awtorizzazzjoni, it-tiġdid, is-sospensjoni jew ir-revoka, għandha tiġi reġistrata fi TRACES.

Emenda 877
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport ta' annimali għal vjaġġi twal lill-awtorità kompetenti ***fi TRACES*** billi juża l-formola fit-Taqsima 3 tal-Anness V. It-trasportaturi għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni ma' mhux aktar minn awtorità kompetenti waħda, f'mhux aktar minn Stat Membru wieħed.	2. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport ta' annimali għal vjaġġi twal lill-awtorità kompetenti billi juża l-formola fit-Taqsima 3 tal-Anness V. It-trasportaturi għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni ma' mhux aktar minn awtorità kompetenti waħda, f'mhux aktar minn Stat Membru wieħed.

Or. en

Emenda 878
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport ta' annimali għal vjaġġi twal lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola fit-Taqsima 3 tal-Anness V. It-trasportaturi għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni ma' mhux aktar minn awtorità kompetenti waħda, f'mhux aktar minn Stat Membru wieħed.	2. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-trasport ta' annimali għal vjaġġi twal lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola fit-Taqsima 3 tal-Anness V. It-trasportaturi għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni ma' mhux aktar minn awtorità kompetenti waħda, f'mhux aktar minn Stat Membru wieħed***, fil-pajjiż ta' oriġini tat-trasportatur jew l-annimali li***

għandhom jiġu ttrasportati.

Or. en

Emenda 879
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. dokument li jistabbilixxi fid-dettall il-proċeduri li jippermettu lit-trasportatur jittraċċa u jirreġistra l-movimenti tal-vetturi u tal-bastimenti taħt ir-responsabbiltà tiegħu, u l-proċeduri sabiex jikkuntattja lis-sewwieqa kkonċernati fi kwalunkwe ħin matul vjaġġi twal;	ii. dokument li jistabbilixxi fid-dettall il-proċeduri li jippermettu lit-trasportatur jittraċċa u jirreġistra l-movimenti tal-vetturi u tal-bastimenti taħt ir-responsabbiltà tiegħu, u l-proċeduri sabiex jikkuntattja lis-sewwieqa kkonċernati fi kwalunkwe ħin matul vjaġġi twal; ***id-dokument għandu jinkludi wkoll il-mezzi tekniċi użati biex jiġi żgurat il-benesseri tal-annimali tul id-durata tal-vjaġġ;***

Or. el

Emenda 880
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
ii. dokument li jistabbilixxi fid-dettall il-proċeduri li jippermettu lit-trasportatur jittraċċa u jirreġistra l-movimenti tal-vetturi u tal-bastimenti taħt ir-responsabbiltà tiegħu, u l-proċeduri sabiex jikkuntattja lis-sewwieqa kkonċernati fi kwalunkwe ħin matul vjaġġi twal;	ii. dokument li jistabbilixxi fid-dettall il-proċeduri li jippermettu lit-trasportatur jittraċċa u jirreġistra l-movimenti tal-vetturi u tal-bastimenti taħt ir-responsabbiltà tiegħu, u l-proċeduri sabiex jikkuntattja lis-sewwieqa ***u lill-awtorità kompetenti għall-benesseri tal-annimali*** kkonċernati fi kwalunkwe ħin matul vjaġġi twal;

Or. en

Emenda 881
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
iii. pjan ta' kontinġenza fil-każ ta' emerġenzi matul it-trasport maħsub.	iii. pjan ta' kontinġenza fil-każ ta' emerġenzi matul it-trasport maħsub***, li għandu jinkludi rotot alternattivi, waqfiet għaż-żamma temporanja tal-annimali u struzzjonijiet għall-kura urġenti fil-każ ta' korriment jew ta' stress termiku***.

Or. el

Emenda 882
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Sabiex tiġi żgurata l-preżentazzjoni uniformi tal-pjanijiet ta' kontinġenza fil-każ ta' emerġenzi matul vjaġġi twal previsti fil-paragrafu (b), il-punt (iii), il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49 sabiex tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-kontenut tal-pjan ta' kontinġenza, għal tipi differenti ta' vjaġġi, u tistabbilixxi u taġġorna kif neċessarju l-mudelli tal-formoli standard għas-sottomissjoni ta' dawk il-pjanijiet ta' kontinġenza.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 883
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer,

Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Sabiex tiġi żgurata l-preżentazzjoni uniformi tal-pjanijiet ta' kontinġenza fil-każ ta' emerġenzi matul vjaġġi twal previsti fil-paragrafu (b), il-punt (iii), il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu ***49*** sabiex tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-kontenut tal-pjan ta' kontinġenza, għal tipi differenti ta' vjaġġi, u tistabbilixxi u taġġorna kif neċessarju l-mudelli tal-formoli standard għas-sottomissjoni ta' dawk il-pjanijiet ta' kontinġenza.	4. Sabiex tiġi żgurata l-preżentazzjoni uniformi tal-pjanijiet ta' kontinġenza fil-każ ta' emerġenzi matul vjaġġi twal previsti fil-paragrafu (b), il-punt (iii), il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti ***delegat*** f'konformità mal-Artikolu ***48*** sabiex tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-kontenut tal-pjan ta' kontinġenza, għal tipi differenti ta' vjaġġi, u tistabbilixxi u taġġorna kif neċessarju l-mudelli tal-formoli standard għas-sottomissjoni ta' dawk il-pjanijiet ta' kontinġenza.

Or. en

Emenda 884
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Sabiex tiġi żgurata l-preżentazzjoni uniformi tal-pjanijiet ta' kontinġenza fil-każ ta' emerġenzi matul vjaġġi twal previsti fil-paragrafu (b), il-punt (iii), il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49 sabiex tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-kontenut tal-pjan ta' kontinġenza, għal tipi differenti ta' vjaġġi, u tistabbilixxi u taġġorna kif neċessarju l-mudelli tal-formoli standard għas-sottomissjoni ta' dawk il-pjanijiet ta' kontinġenza.	4. Sabiex tiġi żgurata l-preżentazzjoni uniformi tal-pjanijiet ta' kontinġenza fil-każ ta' emerġenzi matul vjaġġi twal previsti fil-paragrafu (b), il-punt (iii), il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 49 sabiex tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-kontenut tal-pjan ta' kontinġenza, għal tipi differenti ta' vjaġġi, u tistabbilixxi u taġġorna kif neċessarju l-mudelli tal-formoli standard għas-sottomissjoni ta' dawk il-pjanijiet ta' kontinġenza. ***Il-mudelli tal-formoli standard jridu jinkludu mappa tar-rotta, b'postijiet ta'***

waqfien u tal-kura tal-annimali, u d-durata stmata ta' kull fażi tal-vjaġġ.

Or. el

Emenda 885
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-organizzatur għandu jkun responsabbli għall-iżvilupp tal-pjan ta' kontinġenza biex jiżgura rispons f'waqtu u effettiv għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u avvenimenti mhux mistennija oħra li jistgħu jseħħu matul il-vjaġġ. L-organizzatur għandu jfittex parir minn veterinarji uffiċjali u indipendenti, veterinarji paraprofessjonisti jew konsulenti rilevanti oħra b'esperjenza u għarfien espert rilevanti għall-ispeċijiet biex jiġi żviluppat il-pjan. L-organizzatur għandu jiżgura li l-pjan ikun disponibbli għall-persunal direttament responsabbli għat-trasport.

Or. en

Emenda 886
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***4b. Il-pjan għandu jiffoka fuq il-preżervazzjoni tas-saħħa u l-benesseri tal-annimali mit-tagħbija tal-annimali fil-post tat-tluq sal-ħatt fil-post tad-destinazzjoni, u jista' jkopri: evidenza ta' marda elenkata jew ta' marda inkluża fir-**

rekwiżiti tal-pajjiż ta' tranżitu jew ta' importazzjoni f'kunsinna ta' annimali importati jew ta' tranżitu f'post ta' spezzjoni fil-fruntiera jew f'ċentru ta' kwarantina; emerġenza veterinarja fl-annimali; ħarba tal-annimali; diżastri naturali u interruzzjoni ta' servizzi kritiċi li jheddu l-operazzjoni tat-trasport; dubji dwar il-legalità tal-kunsinna tal-annimali.

Or. en

Emenda 887
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4c. Il-pjan għandu jindirizza s-segwenti: il-komunikazzjoni, il-bijosigurtà, is-saħħa u s-sikurezza, u l-benesseri tal-annimali f'kull każ. B'mod partikolari l-istabbiliment ta' katina ta' kmand biex jiġi żgurat proċess rapidu u effettiv tat-teħid ta' deċiżjonijiet; l-indirizzar ta' tħassib bħad-devjazzjoni mill-pjan tal-vjaġġ, in-nuqqas li jintlaħaq il-pajjiż ta' tranżitu jew ta' importazzjoni, iċ-ċaħda tal-kunsinna min-naħa tagħhom jew dewmien twil fil-punti ta' ħruġ, inklużi d-dettalji ta' kuntatt ta' alloġġ ta' emerġenza xieraq u għarfien espert veterinarju u għarfien espert xieraq ieħor li jista' jkun disponibbli matul ir-rotta; l-inklużjoni ta' proċeduri għall-ġestjoni ta' annimali ttrasportati li jonqsu milli jilħqu l-pajjiżi ta' tranżitu jew ta' importazzjoni magħżula jew li jiġu miċħuda min-naħa tagħhom, jew f'każijiet meta l-kunsinna ma tikkonformax mar-rekwiżiti tal-pajjiż ta' tranżitu jew ta' importazzjoni; l-identifikazzjoni tar-responsabbiltajiet għall-iżvilupp u għall-komunikazzjoni ta' arranġamenti alternattivi tat-trasport meta jkun meħtieġ, inkluż pjan ta'

bijosigurtà b'miżuri effettivi biex jiġu żgurati l-għarfien, il-prevenzjoni, is-sorveljanza, il-kontroll u l-eradikazzjoni tal-mard tal-annimali allinjati mar-rekwiżiti u d-dispożizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (il-"Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali"), b'kull kunsiderazzjoni xierqa għall-benesseri tal-annimali; u l-inklużjoni ta' struzzjonijiet ċari dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tal-qatla, jekk l-annimali jinqatlu bl-ewtanażja matul il-vjaġġ għal skopijiet umanitarji, biex tiġi evitata t-tbatija bla bżonn tal-annimali, jiġi pprevenut theddid għall-ħajja tal-bniedem jew tal-annimali, u jiġi żgurat li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 u l-verżjonijiet riveduti futuri tiegħu jiġu rrispettati bis-sħiħ.

Or. en

Emenda 888
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni lil trasportatur ***għal vjaġġi qosra jew twal*** kif meħtieġ skont l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 8(1) fi TRACES billi tuża l-formoli fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Anness V rispettivament, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(2) u fl-Artikolu 8(2) rispettivament.	1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni lil trasportatur ***fl-istess Stat Membru abbażi tar-regoli nazzjonali u għal trasport transfruntier*** kif meħtieġ skont l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 8(1) fi TRACES billi tuża l-formoli fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Anness V rispettivament, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(2) u fl-Artikolu 8(2) rispettivament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu obbligatorju tas-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika TRACES u r-rekwiżiti kollha

tagħha anke għal vjaġġi domestiċi qosra f'dan l-istadju jidher piż amministrattiv sproporzjonat, speċjalment għall-operaturi lokali żgħar. Il-biċċa l-kbira tal-biċċeriji diġà għandhom sistemi diġitali installati li jintużaw għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, u kollha jkollhom jikkomunikaw ma' TRACES direttament biex jagħmlu dan ix-xogħol. Nissuġġerixxu li jekk TRACES għandha tintuża għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, din għandha tkun obbligatorja biss għat-trasport transfruntier, skont ir-regoli tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali.

Emenda 889
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni lil trasportatur għal vjaġġi qosra jew twal kif meħtieġ skont l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 8(1) ***fi TRACES*** billi tuża l-formoli fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Anness V rispettivament, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(2) u fl-Artikolu 8(2) rispettivament.	1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti awtorizzazzjoni lil trasportatur għal vjaġġi qosra jew twal kif meħtieġ skont l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 8(1) billi tuża l-formoli fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Anness V rispettivament, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7(2) u fl-Artikolu 8(2) rispettivament.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-proċedura amministrattiva għandha tkun konformi ma' dik stabbilita fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni, u ladarba tiġi proċessata l-awtorizzazzjoni, it-tiġdid, is-sospensjoni jew ir-revoka, għandha tiġi reġistrata fi TRACES.

Emenda 890
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5 snin*** mid-data tal-ħruġ.	L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***18-il xahar*** mid-data tal-ħruġ.

Or. en

Emenda 891
Milan Mazurek

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***10*** snin mid-data tal-ħruġ.

Or. sk

Emenda 892
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***10*** snin mid-data tal-ħruġ.

Or. en

Emenda 893
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin	L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***7*** snin

mid-data tal-ħruġ.	mid-data tal-ħruġ.

Or. en

Emenda 894
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***7*** snin mid-data tal-ħruġ.

Or. en

Emenda 895
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	L-awtorizzazzjoni għandha tkun valida għal perjodu ta' mhux aktar minn ***3*** snin mid-data tal-ħruġ.

Or. en

Emenda 896
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. Xahar qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għal vjaġġi qosra jew twal, it-trasportatur jista' japplika għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ***fi TRACES***. Applikazzjoni għat-tiġdid għandu jkun fiha d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(2) jew l-Artikolu 8(2) u analiżi dokumentata tal-monitoraġġ tal-indikaturi għall-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni preċedenti u, meta xieraq, evidenza dokumentata tal-miżuri stabbiliti jekk il-valuri li jikkwantifikaw l-indikaturi jaqbżu l-limiti previsti fl-Artikolu 26(3).	3. Xahar qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għal vjaġġi qosra jew twal, it-trasportatur jista' japplika għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni. Applikazzjoni għat-tiġdid għandu jkun fiha d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(2) jew l-Artikolu 8(2) u analiżi dokumentata tal-monitoraġġ tal-indikaturi għall-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni preċedenti u, meta xieraq, evidenza dokumentata tal-miżuri stabbiliti jekk il-valuri li jikkwantifikaw l-indikaturi jaqbżu l-limiti previsti fl-Artikolu 26(3).

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-proċedura amministrattiva għandha tkun konformi ma' dik stabbilita fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni, u ladarba tiġi proċessata l-awtorizzazzjoni, it-tiġdid, is-sospensjoni jew ir-revoka, għandha tiġi reġistrata fi TRACES.

Emenda 897
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4.L-awtorità kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal tiġdid u tirreġistra t-tiġdid jew ir-rifjut fi TRACES u, f'każ ta' rifjut, ir-raġunijiet għar-rifjut.	4.L-awtorità kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal tiġdid u tirreġistra t-tiġdid jew ir-rifjut fi TRACES u, f'każ ta' rifjut, ir-raġunijiet għar-rifjut ***b'mod espliċitu, filwaqt li tispeċifika l-parti tal-leġiżlazzjoni li ma kienx hemm konformità magħha***.

Or. ro

Emenda 898
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtorità kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal tiġdid u tirreġistra t-tiġdid jew ir-rifjut fi TRACES u, f'każ ta' rifjut, ir-raġunijiet għar-rifjut.	4. L-awtorità kompetenti għandha tagħti jew tirrifjuta l-applikazzjoni għal tiġdid u tirreġistra t-tiġdid jew ir-rifjut fi TRACES ***jew sistema nazzjonali rilevanti*** u, f'każ ta' rifjut, ir-raġunijiet għar-rifjut.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu obbligatorju tas-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika TRACES u r-rekwiżiti kollha tagħha anke għal vjaġġi domestiċi qosra f'dan l-istadju jidher piż amministrattiv sproporzjonat, speċjalment għall-operaturi lokali żgħar. Il-biċċa l-kbira tal-biċċeriji diġà għandhom sistemi diġitali installati li jintużaw għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, u kollha jkollhom jikkomunikaw ma' TRACES direttament biex jagħmlu dan ix-xogħol. Nissuġġerixxu li jekk TRACES għandha tintuża għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, din għandha tkun obbligatorja biss għat-trasport transfruntier, skont ir-regoli tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali.

Emenda 899
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk it-trasportatur ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(2) jew fl-Artikolu 8(2), l-awtorità kompetenti għandha ***tordna s-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu 138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2017/625 u għandha tirreġistra ***s-sospensjoni*** fi TRACES mingħajr dewmien.	Jekk it-trasportatur ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(2) jew fl-Artikolu 8(2), l-awtorità kompetenti għandha ***tipprovdi lit-trasportatur dikjarazzjoni bil-miktub li tindika r-raġunijiet għas-sospensjoni u rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet misjuba. It-trasportatur għandu jipprovdi evidenza li jkun sab rimedju għan-nuqqasijiet fi żmien xahar mill-wasla tad-dikjarazzjoni bil-miktub. L-awtorità kompetenti*** għandha ***tirtira l-awtorizzazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu 138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2017/625***, jekk it-trasportatur ma jkunx jista' jikkoreġi n-nuqqasijiet fid-dewmien iddikjarat u għandha*** tirreġistra ***l-irtirar*** fi

TRACES mingħajr dewmien ***żejjed***.

Or. en

Emenda 900
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk it-trasportatur ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet ***previsti*** fl-Artikolu 7(2) jew fl-Artikolu 8(2), l-awtorità kompetenti għandha ***tordna s-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu 138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2017/625 u għandha tirreġistra s-sospensjoni fi TRACES mingħajr dewmien.	Jekk it-trasportatur ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet***stabbiliti*** fl-Artikolu 7(2) jew fl-Artikolu 8(2) ***ta' dan ir-Regolament***, l-awtorità kompetenti għandha ***toħroġ dikjarazzjoni bil-miktub li tagħti dettalji dwar in-nuqqasijiet u r-rakkomandazzjonijiet għal azzjoni korrettiva. It-trasportatur għandu jipprovdi prova tal-konformità fi żmien xahar minn meta jirċievi d-dikjarazzjoni. Jekk in-nuqqasijiet ma jiġux solvuti f'dak il-perjodu, l-awtorità kompetenti għandha tissospendi l-awtorizzazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu 138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2017/625 u għandha tirreġistra s-sospensjoni fi TRACES mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 901
Ivan David

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk it-trasportatur ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(2) jew fl-Artikolu 8(2), l-awtorità kompetenti għandha ***tordna s-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu	Jekk it-trasportatur ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(2) jew fl-Artikolu 8(2), l-awtorità kompetenti għandha ***tipprovdi lit-trasportatur dikjarazzjoni bil-miktub li tindika r-***

138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2017/625 ***u għandha*** tirreġistra ***s-sospensjoni*** fi TRACES mingħajr dewmien.	***raġunijiet għas-sospensjoni u rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet misjuba.*** ***L-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu 138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2017/625, ***jekk it-trasportatur ma jkunx jista' jikkoreġi n-nuqqasijiet fid-dewmien iddikjarat u għandha tirreġistra l-irtirar*** fi TRACES mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 902
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk it-trasportatur ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(2) jew fl-Artikolu 8(2), l-awtorità kompetenti għandha tordna ***s-sospensjoni*** tal-awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2017/625 u għandha tirreġistra s-sospensjoni fi TRACES mingħajr dewmien.	Jekk it-trasportatur ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(2) jew fl-Artikolu 8(2), l-awtorità kompetenti għandha tordna ***immedjatament is-sospensjoni*** tal-awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2017/625 u għandha tirreġistra s-sospensjoni fi TRACES mingħajr dewmien.

Or. en

Emenda 903
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lit-rasportatur b'dikjarazzjoni bil-miktub li tindika r-raġunijiet għas-sospensjoni u r-rakkomandazzjonijiet sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet misjubin.	***imħassar***

Or. en

Emenda 904
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti għandha tneħħi s-sospensjoni meta t-trasportatur jipprovdi evidenza li jkun ikkoreġa n-nuqqasijiet li fuqhom tkun ibbażata s-sospensjoni tal-applikazzjoni tiegħu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 905
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti ***għandha*** tneħħi s-sospensjoni meta t-trasportatur jipprovdi evidenza li jkun ikkoreġa n-nuqqasijiet li fuqhom tkun ibbażata s-sospensjoni tal-applikazzjoni tiegħu.	L-awtorità kompetenti ***tista' tikkunsidra*** li tneħħi s-sospensjoni ***darba biss*** meta t-trasportatur jipprovdi evidenza li jkun ikkoreġa n-nuqqasijiet li fuqhom tkun ibbażata s-sospensjoni tal-applikazzjoni tiegħu***, biex jiġu evitati nuqqasijiet ripetuti***.

Or. en

Emenda 906
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti għandha tneħħi s-sospensjoni meta t-trasportatur jipprovdi evidenza li jkun ikkoreġa n-nuqqasijiet li fuqhom tkun ibbażata s-sospensjoni tal-applikazzjoni tiegħu.	L-awtorità kompetenti għandha tneħħi s-sospensjoni ***immedjatament*** meta t-trasportatur jipprovdi evidenza li jkun ikkoreġa n-nuqqasijiet li fuqhom tkun ibbażata s-sospensjoni tal-applikazzjoni tiegħu.

Or. ro

Emenda 907
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk it-trasportatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien xahar mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 908
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 6 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk it-trasportatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien xahar mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-	Jekk it-trasportatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien xahar mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira l-

awtorizzazzjoni.	awtorizzazzjoni***, mingħajr dewmien***.

Or. en

Emenda 909
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Taħriġ ta' sewwieqa, ta' attendenti u ta' uffiċjali għall-benesseri tal-annimali	Taħriġ ta' sewwieqa, ***tekniċi kkwalifikati tal-annimali*** u ta' attendenti u ta' uffiċjali għall-benesseri tal-annimali

Or. en

Emenda 910
Philippe Olivier, Valérie Deloge, Julien Leonardelli, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-trasportatur għandu jagħmel arranġamenti sabiex is-sewwieqa, l-attendenti, u l-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 21 isegwu wieħed mill-korsijiet approvati ta' taħriġ dwar il-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 37(1)(b). Dan it-taħriġ għandu jkun rilevanti għall-kompiti tagħhom, għall-ispeċijiet, għall-kategoriji tal-annimali li jimmaniġġjaw, u għall-mezzi tat-trasport użati.	***imħassar***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Fi Franza, it-trasportaturi u l-persunal tagħhom għandhom il-kompetenzi meħtieġa fil-qafas

taċ-ċertifikat ta' kompetenza għat-trasport ta' annimali ħajjin li jinħareġ minn korp awtorizzat għall-forniment tat-taħriġ. B'hekk huma perfettament adattati biex jipprattikaw l-attività tagħhom ta' trasportaturi jew attendenti tal-annimali u ma għandhomx ikunu meħtieġa jiksbu xi ċertifikazzjoni jew approvazzjoni supplimentari li tista' tidduplika l-leġiżlazzjoni nazzjonali diġà fis-seħħ.

Emenda 911
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Isabel Benjumea Benjumea, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-trasportatur għandu jagħmel arranġamenti sabiex is-sewwieqa, l-attendenti, u l-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 21 isegwu wieħed mill-korsijiet approvati ta' taħriġ dwar il-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 37(1)(b). Dan it-taħriġ għandu jkun rilevanti għall-kompiti tagħhom, għall-ispeċijiet, għall-kategoriji tal-annimali li jimmaniġġjaw, u għall-mezzi tat-trasport użati.	It-trasportatur għandu jagħmel arranġamenti sabiex is-sewwieqa, l-attendenti, u l-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 21 isegwu wieħed mill-korsijiet approvati ta' taħriġ dwar il-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 37(1)(b). Dan it-taħriġ għandu jkun rilevanti għall-kompiti tagħhom, għall-ispeċijiet, għall-kategoriji tal-annimali li jimmaniġġjaw, u għall-mezzi tat-trasport użati. ***Madankollu, il-professjonisti li jistgħu jagħtu prova ta' mill-inqas ħames snin ta' esperjenza fit-trasport u fl-immaniġġjar ta' annimali tal-istess kategorija, jew ta' dawk li għandhom ċertifikazzjoni valida tal-benesseri tal-annimali fi Stat Membru, għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jsegwu tali taħriġ. Iċ-ċertifikazzjoni għandha tibqa' valida sad-data ta' skadenza tagħha mingħajr il-ħtieġa ta' tiġdid bikri.*** ***It-taħriġ jista' jiġi pprovdut ukoll minn organizzazzjonijiet settorjali, dment li jiġi żgurat taħriġ adegwat tal-persunal u li jiġu ssodisfati l-istandards stabbiliti fil-leġiżlazzjoni applikabbli.***

Or. en

Emenda 912
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-trasportatur għandu jagħmel arranġamenti sabiex is-sewwieqa, l-attendenti, u l-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 21 isegwu ***wieħed mill-korsijiet*** approvati ta' taħriġ dwar il-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu ***37(1)(b)***. ***Dan it-taħriġ għandu jkun*** rilevanti għall-kompiti tagħhom, għall-ispeċijiet, għall-kategoriji tal-annimali li jimmaniġġjaw, u għall-mezzi tat-trasport użati.	It-trasportatur għandu jagħmel arranġamenti sabiex is-sewwieqa, l-attendenti, u l-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 21 isegwu ***l-korsijiet*** approvati ta' taħriġ dwar il-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu ***37(1), il-punt b***. ***Dawn il-korsijiet ta' taħriġ għandhom ikunu*** rilevanti għall-kompiti tagħhom, għall-ispeċijiet, għall-kategoriji tal-annimali li jimmaniġġjaw, u għall-mezzi tat-trasport użati. ***Is-sewwieqa u l-attendenti b'esperjenza li għandhom tal-inqas 5 snin esperjenza verifikabbli fit-trasport ta' annimali ħajjin jistgħu jsegwu korsijiet ta' taħriġ ta' aġġornament imqassra minflok il-programm sħiħ. It-taħriġ jista' jsir ukoll f'format ibridu, u dan jippermetti li parti minnu jsir online biex jitnaqqsu l-piżijiet loġistiċi u finanzjarji fuq it-trasportaturi u s-sewwieqa, l-attendenti u l-uffiċjali tal-benesseri tal-annimali.***

Or. en

Emenda 913
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-trasportatur għandu jagħmel arranġamenti sabiex is-sewwieqa, l-attendenti, ***u*** l-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 21 isegwu	***It-taħriġ tas-sewwieqa, tal-attendenti, tal-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali, tal-persunal li jimmaniġġja l-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem, tal-persunal li***

wieħed mill-korsijiet approvati ta' taħriġ dwar il-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 37(1)(b). Dan it-taħriġ għandu jkun rilevanti għall-kompiti tagħhom, għall-ispeċijiet, għall-kategoriji tal-annimali li jimmaniġġjaw, u għall-mezzi tat-trasport użati.	***jimmaniġġja l-annimali f'ċentri ta' assemblaġġ, f'faċilitajiet tal-ajruport u tal-port.*** It-trasportatur għandu jagħmel arranġamenti sabiex is-sewwieqa, l-attendenti, l-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 21 ***u l-persunal li jimmaniġġja l-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem*** isegwu wieħed mill-korsijiet approvati ta' taħriġ dwar il-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 37(1)(b). Dan it-taħriġ għandu jkun rilevanti għall-kompiti tagħhom, għall-ispeċijiet, għall-kategoriji tal-annimali li jimmaniġġjaw, u għall-mezzi tat-trasport użati.

Or. en

Emenda 914
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-trasportatur għandu jagħmel arranġamenti sabiex is-sewwieqa, l-attendenti, ***u l-uffiċjali*** għall-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 21 isegwu wieħed mill-korsijiet approvati ta' taħriġ dwar il-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 37(1)(b). Dan it-taħriġ għandu jkun rilevanti għall-kompiti tagħhom, għall-ispeċijiet, għall-kategoriji tal-annimali li jimmaniġġjaw, u għall-mezzi tat-trasport użati.	It-trasportatur għandu jagħmel arranġamenti sabiex is-sewwieqa, l-attendenti, u l-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali ***u l-veterinarji uffiċjali*** msemmijin fl-Artikolu 21 isegwu wieħed mill-korsijiet approvati ta' taħriġ dwar il-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 37(1)(b). Dan it-taħriġ għandu jkun rilevanti għall-kompiti tagħhom, għall-ispeċijiet, għall-kategoriji tal-annimali li jimmaniġġjaw, u għall-mezzi tat-trasport użati. ***Is-sewwieqa, l-attendenti u l-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali għandhom iwettqu taħriġ ta' aġġornament kull 3 snin.***

Or. en

Emenda 915

Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-trasportatur għandu jagħmel arranġamenti sabiex is-sewwieqa, l-attendenti, u l-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 21 isegwu wieħed mill-korsijiet approvati ta' taħriġ dwar il-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 37(1)(b). Dan it-taħriġ għandu jkun rilevanti għall-kompiti tagħhom, għall-ispeċijiet, għall-kategoriji tal-annimali li jimmaniġġjaw, u għall-mezzi tat-trasport użati.	It-trasportatur għandu jagħmel arranġamenti sabiex is-sewwieqa, l-attendenti, u l-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 21 isegwu wieħed mill-korsijiet approvati ta' taħriġ dwar il-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 37(1)(b). Dan it-taħriġ għandu jkun rilevanti għall-kompiti tagħhom, għall-ispeċijiet, għall-kategoriji tal-annimali li jimmaniġġjaw, u għall-mezzi tat-trasport użati ***u għandu jiġi ripetut tal-inqas kull 3 snin***. ***It-tlestija b'suċċess tat-taħriġ għandha tiġi ddokumentata minn ċertifikat tat-taħriġ ta' aġġornament.***

Or. el

Emenda 916
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-trasportatur għandu jagħmel arranġamenti sabiex is-sewwieqa, l-attendenti, u l-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 21 isegwu wieħed mill-korsijiet approvati ta' taħriġ dwar il-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 37(1)(b). Dan it-taħriġ għandu jkun rilevanti għall-kompiti tagħhom, għall-ispeċijiet, għall-kategoriji tal-annimali li jimmaniġġjaw, u għall-mezzi tat-trasport użati.	It-trasportatur għandu jagħmel arranġamenti sabiex is-sewwieqa, l-attendenti, u l-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 21 isegwu wieħed mill-korsijiet approvati ta' taħriġ dwar il-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 37(1)(b). Dan it-taħriġ għandu jkun rilevanti għall-kompiti tagħhom, għall-ispeċijiet, għall-kategoriji tal-annimali li jimmaniġġjaw, u għall-mezzi tat-trasport użati. ***Is-sewwieqa, l-attendenti u l-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali għandhom iwettqu wkoll taħriġ ta' aġġornament kull sentejn.***

Or. en

Emenda 917
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-trasportatur għandu jagħmel arranġamenti sabiex is-sewwieqa, ***l-attendenti***, u l-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 21 isegwu wieħed mill-korsijiet approvati ta' taħriġ dwar il-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 37(1)(b). Dan it-taħriġ għandu jkun rilevanti għall-kompiti tagħhom, għall-ispeċijiet, għall-kategoriji tal-annimali li jimmaniġġjaw, u għall-mezzi tat-trasport użati.	It-trasportatur għandu jagħmel arranġamenti sabiex is-sewwieqa, ***it-tekniċi kkwalifikati tal-annimali***, u l-uffiċjali għall-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 21 isegwu wieħed mill-korsijiet approvati ta' taħriġ dwar il-benesseri tal-annimali msemmijin fl-Artikolu 37(1)(b). Dan it-taħriġ għandu jkun rilevanti għall-kompiti tagħhom, għall-ispeċijiet, għall-kategoriji tal-annimali li jimmaniġġjaw, u għall-mezzi tat-trasport użati.

Or. en

Emenda 918
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali bit-triq jew bil-ferrovija għal vjaġġ twil sakemm il-mezzi tat-trasport ma jiġux spezzjonati u approvati f'konformità mal-Artikolu 12.	1. L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali bit-triq jew bil-ferrovija għal vjaġġ ***qasir jew*** twil sakemm il-mezzi tat-trasport ma jiġux spezzjonati u approvati f'konformità mal-Artikolu 12.

Or. en

Emenda 919
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali bit-triq jew bil-ferrovija ***għal vjaġġ twil*** sakemm il-mezzi tat-trasport ma jiġux spezzjonati u approvati f'konformità mal-Artikolu 12.	1. L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali bit-triq jew bil-ferrovija sakemm il-mezzi tat-trasport ma jiġux spezzjonati u approvati f'konformità mal-Artikolu 12.

Or. en

Emenda 920
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali bit-triq jew bil-ferrovija ***għal vjaġġ twil*** sakemm il-mezzi tat-trasport ma jiġux spezzjonati u approvati f'konformità mal-Artikolu 12.	1. L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali bit-triq jew bil-ferrovija sakemm il-mezzi tat-trasport ma jiġux spezzjonati u approvati f'konformità mal-Artikolu 12.

Or. en

Emenda 921
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ***għal aktar minn għaxar mili nawtiċi*** minn port tal-Unjoni sakemm il-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ma	2. L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem minn port tal-Unjoni sakemm il-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ma jkunx ġie spezzjonat u approvat

jkunx ġie spezzjonat u approvat f'konformità mal-Artikolu 13.	f'konformità mal-Artikolu 13.

Or. en

Emenda 922
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ***għal aktar minn għaxar mili nawtiċi*** minn port tal-Unjoni sakemm il-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ma jkunx ġie spezzjonat u approvat f'konformità mal-Artikolu 13.	2. L-ebda persuna ma għandha tittrasporta annimali minn bastiment għall-ġarr tal-bhejjem minn port tal-Unjoni sakemm il-bastiment għall-ġarr tal-bhejjem ma jkunx ġie spezzjonat u approvat f'konformità mal-Artikolu 13.

Or. en

Emenda 923
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għall-kontejners użati fit-trasport bit-triq, bil-ferrovija jew fil-bastiment tal-kontejners ta' annimali terrestri għajr għasafar domestiċi ***u*** fniek.	3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għall-kontejners użati fit-trasport bit-triq, bil-ferrovija jew fil-bastiment tal-kontejners ta' annimali terrestri għajr għasafar domestiċi***,*** fniek ***u għasafar ta' speċijiet tal-kaċċa***.

Or. es

Emenda 924
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għall-kontenituri użati fit-trasport bit-triq, bil-ferrovija jew fil-bastiment tal-kontejners ta' annimali terrestri għajr għasafar ***u*** fniek domestiċi.	3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għall-kontenituri użati fit-trasport bit-triq, bil-ferrovija jew fil-bastiment tal-kontejners ta' annimali terrestri għajr għasafar***,*** fniek***, klieb, qtates u inmsa*** domestiċi.

Or. en

Emenda 925
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Isabel Benjumea Benjumea, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għall-kontenituri użati fit-trasport bit-triq, bil-ferrovija jew fil-bastiment tal-kontejners ta' annimali terrestri għajr għasafar ***u*** fniek ***domestiċi***.	3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għall-kontenituri użati fit-trasport bit-triq, bil-ferrovija jew fil-bastiment tal-kontejners ta' annimali terrestri għajr għasafar ***domestiċi,*** fniek ***jew speċijiet ta' għasafar selvaġġi***.

Or. en

Emenda 926
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-annimali jistgħu jiġu ttrasportati biss minn inġenji tal-ajru li jappartjenu lil trasportaturi li huma membri tal-	4. L-annimali jistgħu jiġu ttrasportati biss minn inġenji tal-ajru li jappartjenu lil trasportaturi li huma membri tal-

Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru.	Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 48 li jispeċifikaw ir-regoli dwar it-trasport bl-ajru ta' annimali ħajjin.*** ***Dawn iridu jkunu konformi mar-Regolamenti tal-IATA dwar l-Annimali Ħajjin. Sadanittant, it-trasport ta' annimali ħajjin bl-ajru għandu jkompli jsir f'konformità mar-regoli tekniċi stabbiliti fl-LAR tal-IATA.***

Or. en

Emenda 927
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-annimali jistgħu jiġu ttrasportati biss minn inġenji tal-ajru li jappartjenu lil trasportaturi li huma membri tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru.	4. L-annimali jistgħu jiġu ttrasportati biss minn inġenji tal-ajru li jappartjenu lil trasportaturi li huma membri tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru ***u meta l-mezz tat-trasport ikun ġie spezzjonat u approvat f'konformità mal-Artikolu 13a (ġdid)***. ***Mid-data tad-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 59, l-annimali ma jistgħux jibqgħu jiġu ttrasportati bl-inġenji tal-ajru.***

Or. en

Emenda 928
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-annimali jistgħu jiġu ttrasportati biss permezz ta' bastiment ro-ro jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 3 tal-Kapitolu II tal-Anness 1.	5. L-annimali jistgħu jiġu ttrasportati biss permezz ta' bastiment ro-ro jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 3 tal-Kapitolu II tal-Anness 1. ***Mid-data tad-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 59, l-annimali mhux se jibqgħu jiġu ttrasportati permezz ta' bastiment ro-ro jew kwalunkwe tip ieħor ta' bastiment.***

Or. en

Emenda 929
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-mezzi kollha tat-trasport għandhom ikunu mgħammra b'kaxex għall-ewwel għajnuna rilevanti għall-ispeċi.

Or. en

Emenda 930
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-mezzi tat-trasport għandhom ikunu mgħammra b'kaxex għall-ewwel għajnuna rilevanti għall-ispeċi.

Or. en

Emenda 931
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal ċertifikat tal-approvazzjoni ta' mezz tat-trasport tal-annimali bit-triq jew bil-ferrovija għal vjaġġi twal jew ta' kontejners għal annimali kbar, lill-awtorità kompetenti ***fi TRACES*** billi juża l-formola stabbilita fit-Taqsima 5 tal-Anness V.	1. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal ċertifikat tal-approvazzjoni ta' mezz tat-trasport tal-annimali bit-triq jew bil-ferrovija għal vjaġġi twal jew ta' kontejners għal annimali kbar, lill-awtorità kompetenti billi juża l-formola stabbilita fit-Taqsima 5 tal-Anness V ***jew skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu obbligatorju tas-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika TRACES u r-rekwiżiti kollha tagħha anke għal vjaġġi domestiċi qosra f'dan l-istadju jidher piż amministrattiv sproporzjonat, speċjalment għall-operaturi lokali żgħar. Il-biċċa l-kbira tal-biċċeriji diġà għandhom sistemi diġitali installati li jintużaw għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, u kollha jkollhom jikkomunikaw ma' TRACES direttament biex jagħmlu dan ix-xogħol. Nissuġġerixxu li jekk TRACES għandha tintuża għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, din għandha tkun obbligatorja biss għat-trasport transfruntier, skont ir-regoli tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali.

Emenda 932
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal ċertifikat tal-approvazzjoni ta' mezz tat-trasport tal-annimali bit-triq jew bil-ferrovija għal vjaġġi twal jew ta' kontejners għal annimali kbar, lill-awtorità kompetenti ***fi TRACES*** billi juża l-formola stabbilita fit-Taqsima 5 tal-Anness V.	1. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal ċertifikat tal-approvazzjoni ta' mezz tat-trasport tal-annimali bit-triq jew bil-ferrovija għal vjaġġi twal jew ta' kontejners għal annimali kbar, lill-awtorità kompetenti billi juża l-formola stabbilita fit-Taqsima 5 tal-Anness V.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-proċedura amministrattiva għandha tkun konformi ma' dik stabbilita fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni, u ladarba tiġi pproċessata l-awtorizzazzjoni, it-tiġdid, is-sospensjoni jew ir-revoka, għandha tiġi reġistrata fi TRACES.

Emenda 933
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal ċertifikat tal-approvazzjoni ta' mezz tat-trasport tal-annimali bit-triq jew bil-ferrovija ***għal vjaġġi twal*** jew ta' kontejners għal annimali kbar, lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola stabbilita fit-Taqsima 5 tal-Anness V.	1. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal ċertifikat tal-approvazzjoni ta' mezz tat-trasport tal-annimali bit-triq jew bil-ferrovija jew ta' kontejners għal annimali kbar, lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola stabbilita fit-Taqsima 5 tal-Anness V.

Or. en

Emenda 934
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal ċertifikat tal-approvazzjoni ta' mezz tat-trasport tal-annimali bit-triq jew bil-ferrovija ***għal vjaġġi twal*** jew ta' kontejners għal annimali kbar, lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola stabbilita fit-Taqsima 5 tal-Anness V.	1. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal ċertifikat tal-approvazzjoni ta' mezz tat-trasport tal-annimali bit-triq jew bil-ferrovija jew ta' kontejners għal annimali kbar, lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola stabbilita fit-Taqsima 5 tal-Anness V.

Or. en

Emenda 935
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal ċertifikat tal-approvazzjoni ta' mezz tat-trasport tal-annimali bit-triq jew bil-ferrovija ***għal vjaġġi twal*** jew ta' kontejners għal annimali kbar, lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola stabbilita fit-Taqsima 5 tal-Anness V.	1. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal ċertifikat tal-approvazzjoni ta' mezz tat-trasport tal-annimali bit-triq jew bil-ferrovija jew ta' kontejners għal annimali kbar, lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola stabbilita fit-Taqsima 5 tal-Anness V.

Or. en

Emenda 936
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità kompetenti għandha tagħti ċertifikat tal-approvazzjoni tal-mezz tat-trasport lit-trasportatur fi TRACES billi tuża l-formola stabbilita fit-Taqsima 5 tal-Anness V, dment li dan jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:	2. L-awtorità kompetenti għandha tagħti ċertifikat tal-approvazzjoni tal-mezz tat-trasport lit-trasportatur fi TRACES billi tuża l-formola stabbilita fit-Taqsima 5 tal-Anness V ***jew skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali***, dment li dan jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu obbligatorju tas-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika TRACES u r-rekwiżiti kollha tagħha anke għal vjaġġi domestiċi qosra f'dan l-istadju jidher piż amministrattiv sproporzjonat, speċjalment għall-operaturi lokali żgħar. Il-biċċa l-kbira tal-biċċeriji diġà għandhom sistemi diġitali installati li jintużaw għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, u kollha

jkollhom jikkomunikaw ma' TRACES direttament biex jagħmlu dan ix-xogħol. Nissuġġerixxu li jekk TRACES għandha tintuża għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, din għandha tkun obbligatorja biss għat-trasport transfruntier, skont ir-regoli tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali.

Emenda 937
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra kwalunkwe rifjut ta' applikazzjoni għal ċertifikat ta' approvazzjoni fi TRACES u r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.	L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra kwalunkwe rifjut ta' applikazzjoni għal ċertifikat ta' approvazzjoni fi TRACES u ***tipprovdi*** r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha ***fi żmien 48 siegħa***.

Or. en

Emenda 938
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra kwalunkwe rifjut ta' applikazzjoni għal ċertifikat ta' approvazzjoni fi TRACES ***u*** r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.	L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra kwalunkwe rifjut ta' applikazzjoni għal ċertifikat ta' approvazzjoni fi TRACES ***mingħajr dewmien u tispeċifika*** r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

Or. en

Emenda 939
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra kwalunkwe rifjut ta' applikazzjoni għal ċertifikat ta' approvazzjoni fi TRACES u r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.	L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra kwalunkwe rifjut ta' applikazzjoni għal ċertifikat ta' approvazzjoni fi TRACES u r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha***, fi żmien 48 siegħa***.

Or. en

Emenda 940
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5 snin*** mid-data tal-ħruġ.	Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***18-il xahar*** mid-data tal-ħruġ.

Or. en

Emenda 941
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***3*** snin mid-data tal-ħruġ. ***L-awtorità kompetenti għandha twettaq mill-inqas żewġ spezzjonijiet ad hoc waqt l-użu tal-mezz tat-trasport biex tivverifika l-konformità mal-paragrafu 2.***

Or. en

Emenda 942
Milan Mazurek

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***10*** snin mid-data tal-ħruġ.

Or. sk

Emenda 943
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn *7* snin mid-data tal-ħruġ.

Or. en

Emenda 944
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn ***5*** snin mid-data tal-ħruġ.	Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn *7* snin mid-data tal-ħruġ.

Or. en

Emenda 945
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Xahar qabel l-iskadenza taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni previst fil-paragrafu 2, it-trasportatur jista' japplika għal tiġdid ***fi TRACES*** f'konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafi 1 u 2.	4. Xahar qabel l-iskadenza taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni previst fil-paragrafu 2, it-trasportatur jista' japplika għal tiġdid f'konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafi 1 u 2. ***L-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni jew tiġdid għandhom jiġu sottomessi skont il-proċedura amministrattiva tal-Istat Membru fejn titressaq l-applikazzjoni u għandhom jiġu reġistrati fi TRACES ladarba jiġu pproċessati.***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-proċedura amministrattiva għandha tkun konformi ma' dik stabbilita fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-applikazzjoni, u ladarba tiġi pproċessata l-awtorizzazzjoni, it-tiġdid, is-sospensjoni jew ir-revoka, għandha tiġi reġistrata fi TRACES.

Emenda 946
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Xahar qabel l-iskadenza taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni previst fil-paragrafu 2, it-trasportatur jista' japplika għal tiġdid fi TRACES f'konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafi 1 u 2.	4. Xahar qabel l-iskadenza taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni previst fil-paragrafu 2, it-trasportatur jista' japplika għal tiġdid fi TRACES f'konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafi 1 u 2 ***jew skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu obbligatorju tas-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika TRACES u r-rekwiżiti kollha tagħha anke għal vjaġġi domestiċi qosra f'dan l-istadju jidher piż amministrattiv sproporzjonat, speċjalment għall-operaturi lokali żgħar. Il-biċċa l-kbira tal-biċċeriji diġà għandhom sistemi diġitali installati li jintużaw għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, u kollha jkollhom jikkomunikaw ma' TRACES direttament biex jagħmlu dan ix-xogħol. Nissuġġerixxu li jekk TRACES għandha tintuża għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, din għandha tkun obbligatorja biss għat-trasport transfruntier, skont ir-regoli tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali.

Emenda 947
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Xahar qabel l-iskadenza taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni previst fil-paragrafu 2, it-trasportatur jista' japplika għal tiġdid fi TRACES f'konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafi 1 u 2.	4. ***Tal-inqas*** xahar qabel l-iskadenza taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni previst fil-paragrafu 2, it-trasportatur jista' japplika għal tiġdid fi TRACES f'konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafi 1 u 2.

Or. en

Emenda 948
Paulo Do Nascimento Cabral

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Xahar qabel l-iskadenza taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni previst fil-paragrafu 2, it-trasportatur jista' japplika għal tiġdid fi TRACES f'konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafi 1 u 2.	4. ***Tal-inqas*** xahar qabel l-iskadenza taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni previst fil-paragrafu 2, it-trasportatur jista' japplika għal tiġdid fi TRACES f'konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafi 1 u 2.

Or. en

Emenda 949
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Xahar qabel l-iskadenza taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni previst fil-paragrafu 2, it-trasportatur jista' japplika għal tiġdid fi TRACES f'konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafi 1 u 2.	4. ***Tal-inqas*** xahar qabel l-iskadenza taċ-ċertifikat tal-approvazzjoni previst fil-paragrafu 2, it-trasportatur jista' japplika għal tiġdid fi TRACES f'konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafi 1 u 2.

Or. en

Emenda 950
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. It-trasportatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe modifika, bini mill-ġdid jew ħsara tal-mezzi tat-trasport li tista' taffettwa l-benesseri tal-annimali ttrasportati fi żmien 5 ijiem minn tali modifika, bini mill-ġdid jew ħsara.	5. It-trasportatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe modifika, bini mill-ġdid jew ħsara tal-mezzi tat-trasport li tista' taffettwa l-benesseri tal-annimali ttrasportati fi żmien 5 ijiem minn tali modifika, bini mill-ġdid jew ħsara ***u għandu jissospendi l-użu tal-mezz tat-trasport sakemm ma jkunx ġie spezzjonat u approvat għal darba oħra mill-awtorità kompetenti, jekk il-ħsara taffettwa l-parametri tal-benesseri essenzjali (il-ventilazzjoni, l-iżolament, l-alimentazzjoni jew it-tisqija)***.

Or. el

Emenda 951

Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk mezz tat-trasport ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti għandha ***tordna s-sospensjoni taċ-ċertifikat*** f'konformità mal-Artikolu 138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2017/625 ***u*** tirreġistra ***s-sospensjoni*** fi TRACES.	Jekk mezz tat-trasport ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti għandha ***tipprovdi lit-trasportatur dikjarazzjoni bil-miktub li tindika r-raġunijiet għas-sospensjoni u r-rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet misjuba***. ***It-trasportatur għandu jipprovdi evidenza li jkun sab rimedju għan-nuqqasijiet fi żmien xahar mill-wasla tad-dikjarazzjoni bil-miktub. L-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni*** f'konformità mal-Artikolu 138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2017/625, ***jekk it-trasportatur ma jkunx jista' jikkoreġi n-nuqqasijiet fid-dewmien iddikjarat u għandha*** tirreġistra ***l-irtirar*** fi TRACES ***mingħajr dewmien żejjed***.

Or. en

Emenda 952
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk mezz tat-trasport ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti għandha tordna s-sospensjoni taċ-ċertifikat f'konformità mal-Artikolu 138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2017/625 u tirreġistra s-sospensjoni fi TRACES.	Jekk mezz tat-trasport ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti għandha tordna s-sospensjoni taċ-ċertifikat f'konformità mal-Artikolu 138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2017/625 u tirreġistra s-sospensjoni fi TRACES ***jew fir-reġistru nazzjonali rilevanti***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu obbligatorju tas-sistema ta' reġistrazzjoni elettronika TRACES u r-rekwiżiti kollha tagħha anke għal vjaġġi domestiċi qosra f'dan l-istadju jidher piż amministrattiv sproporzjonat, speċjalment għall-operaturi lokali żgħar. Il-biċċa l-kbira tal-biċċeriji diġà għandhom sistemi diġitali installati li jintużaw għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, u kollha jkollhom jikkomunikaw ma' TRACES direttament biex jagħmlu dan ix-xogħol. Nissuġġerixxu li jekk TRACES għandha tintuża għar-reġistrazzjoni tal-vjaġġi, din għandha tkun obbligatorja biss għat-trasport transfruntier, skont ir-regoli tal-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali.

Emenda 953
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk mezz tat-trasport ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti għandha tordna s-sospensjoni taċ-ċertifikat f'konformità mal-Artikolu 138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2017/625 u tirreġistra s-sospensjoni fi TRACES.	Jekk mezz tat-trasport ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti għandha tordna s-sospensjoni taċ-ċertifikat f'konformità mal-Artikolu 138(2), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2017/625 u tirreġistra s-sospensjoni fi TRACES***, mingħajr dewmien***.

Or. en

Emenda 954
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lit-rasportatur b'dikjarazzjoni bil-miktub li tindika r-raġunijiet għas-sospensjoni u r-rakkomandazzjonijiet sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet misjubin.	***imħassar***

Or. en

Emenda 955
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lit-trasportatur b'dikjarazzjoni bil-miktub li tindika r-raġunijiet għas-sospensjoni u r-rakkomandazzjonijiet sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet misjubin.	L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lit-trasportatur b'dikjarazzjoni bil-miktub ***li ssemmi b'mod espliċitu l-partijiet tal-leġiżlazzjoni li jkun kiser,*** li tindika r-raġunijiet għas-sospensjoni u r-rakkomandazzjonijiet sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet misjubin.

Or. ro

Emenda 956
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità kompetenti għandha tneħħi s-sospensjoni jekk it-trasportatur jipprovdi evidenza li jkun ikkoreġa n-nuqqasijiet li fuqhom tkun ibbażata s-sospensjoni taċ-ċertifikat tiegħu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 957
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

L-awtorità kompetenti ***għandha*** tneħħi s-sospensjoni jekk it-trasportatur jipprovdi evidenza li jkun ikkoreġa n-nuqqasijiet li fuqhom tkun ibbażata s-sospensjoni taċ-ċertifikat tiegħu.	L-awtorità kompetenti ***tista' tikkunsidra*** tneħħi s-sospensjoni jekk it-trasportatur jipprovdi evidenza li jkun ikkoreġa n-nuqqasijiet li fuqhom tkun ibbażata s-sospensjoni taċ-ċertifikat tiegħu.

Or. en

Emenda 958
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk it-trasportatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien xahar mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira ċ-ċertifikat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 959
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk it-trasportatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien xahar mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira ċ-ċertifikat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 960

Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk it-trasportatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien xahar mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira ċ-ċertifikat.	Jekk it-trasportatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien xahar mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira ċ-ċertifikat***, mingħajr dewmien***.

Or. en

Emenda 961
Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk it-trasportatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien ***xahar*** mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira ċ-ċertifikat.	Jekk it-trasportatur ma jkunx ikkoreġa n-nuqqasijiet fi żmien ***6 xhur*** mis-sospensjoni, l-awtorità kompetenti għandha tirtira ċ-ċertifikat.

Or. ro

Emenda 962
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal ċertifikat tal-approvazzjoni ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem għat-trasport tal-annimali lill-awtorità kompetenti ***fi TRACES*** billi juża l-formola stabbilita fit-Taqsima 6 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandha tinkludi d-dokumenti li ġejjin:	1. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal ċertifikat tal-approvazzjoni ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem għat-trasport tal-annimali lill-awtorità kompetenti billi juża l-formola stabbilita fit-Taqsima 6 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandha tinkludi d-dokumenti li ġejjin:

Or. es

Emenda 963
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal ċertifikat tal-approvazzjoni ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem għat-trasport tal-annimali lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola stabbilita fit-Taqsima 6 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandha tinkludi d-dokumenti li ġejjin:	1. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal ċertifikat tal-approvazzjoni ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem għat-trasport tal-annimali ***lill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u għal skopijiet ta' informazzjoni*** lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża l-formola stabbilita fit-Taqsima 6 tal-Anness V. ***L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għandha tkun responsabbli għall-approvazzjonijiet.*** L-applikazzjoni għandha tinkludi d-dokumenti li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fatt li jkun hemm aġenzija ċentralizzata se jiżgura trasparenza aħjar, jiżgura approċċ aktar armonizzat u jikseb kundizzjonijiet ekwi madwar l-Ewropa u se jinkisbu ekonomiji ta' skala li se jnaqqsu l-kostijiet għall-kontribwenti tat-taxxa u għall-industrija tal-UE.

Emenda 964
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal ċertifikat tal-approvazzjoni ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem għat-trasport tal-annimali lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża	1. It-trasportatur għandu jissottometti applikazzjoni għal ċertifikat tal-approvazzjoni ta' bastiment għall-ġarr tal-bhejjem għat-trasport tal-annimali lill-awtorità kompetenti fi TRACES billi juża

l-formola stabbilita fit-Taqsima 6 tal-Anness V. L-applikazzjoni għandha tinkludi d-dokumenti li ġejjin:	l-formola stabbilita fit-Taqsima 6 tal-Anness V. ***Barra minn hekk,*** l-applikazzjoni għandha tinkludi d-dokumenti li ġejjin:

Or. en

Emenda 965
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
